**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0128/2021**

20.4.2021

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (05022/2021 – C9-0086/2021 – 2020/0382(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteurs: Andreas Schieder, Christophe Hansen

(Proċedura ta' kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_NLE-AP_Agreement

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI.......................................................7

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP...............................................................13

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT ..............................................15

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI.................18

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI..........................24

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL .....................................................................................................33

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA...............40

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR.....45

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .............................................49

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.................................................52

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI...................55

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD ...........................................................................57

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI...................................61

ITTRA TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN....65

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI ...............................76

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .............................................................84

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........86

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata**
**(05022/2021 – C9-0086/2021 – 2020/0382(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05022/2021),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (5198/2021),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (5203/2021),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0086/2021),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għal negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[1],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għat-

[1] Testi adottati, P9_TA-PROV(2020)0033.
[2] Testi adottati, P9_TA-PROV(2020)0152.

Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0128/2021),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju Unit.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Euratom u r-Renju Unit u l-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Fil-laqgħa tagħhom tal-11 ta' Jannar 2021, il-Koordinaturi tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċidew jagħtu opinjoni fil-forma ta' ittra, skont l-Artikolu 56(1) tar-Regoli tal-Proċedura dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[1], u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata[2] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni" u l-"Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni") b'enfażi fuq il-kompetenzi tal-kumitat tagħna. Skont id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-24 ta' Ottubru 2019, fil-11 ta' Jannar 2021 inħtart rapporteur għall-opinjoni fil-kapaċità tiegħi bħala President tal-Kumitat.

## SUĠĠERIMENTI

### Ir-rakkomandazzjoni

Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda, b'24 vot favur, 1 vot kontra u l-ebda astensjoni[3], li jirrakkomanda lill-Kumitat

[1] ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.
[2] ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1463.
[3] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Sergey Lagodinsky (Viċi President), Marion Walsmann (Viċi President), Ibán Garcia Del Blanco (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), Manon Aubry, Gunnar Beck, Geoffroy Didier, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Jean-Paul Garraud, Esteban González Pons, Heidi Hautala, Mislav Kolakušić, Gilles Lebreton, Antonius Manders, Karen Melchior, Javier Nart, Jiři Pospíšil, Franco Roberti, Ernő Schaller-Baross, Marcos Ros Sempere,

għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni.

Fil-formulazzjoni tar-rakkomandazzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra b'mod xieraq: ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għan-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[4]; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/266 tal-25 ta' Frar 2020 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim ta' sħubija ġdid[5], l-anness tagħha; ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[6]; il-Ftehim tal-24 ta' Jannar 2020 dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ")[7], u d-dikjarazzjoni politika tas-17 ta' 2019 li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit (id-"Dikjarazzjoni Politika")[8]; id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata[9]; u t-test tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari l-Parti I dwar id-dispożizzjonijiet komuni u istituzzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-Parti II, it-Titolu I dwar il-kummerċ tal-merkanzija, it-Titolu V dwar il-proprjetà intellettwali u t-Titolu XI dwar il-kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u l-iżvilupp sostenibbli, il-Parti VI dwar is-soluzzjoni tat-tilwim u d-dispożizzjonijiet orizzontali, u l-Parti VII dwar id-dispożizzjonijiet finali; u t-test tal-Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni.

F'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali għall-elementi li ġejjin, li għandhom jitqiesu bħala essenzjali għall-fini tal-approvazzjoni:

***Aspetti istituzzjonali u orizzontali***

1. Jilqa' l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u jirrikonoxxi dan li se jkollu implikazzjonijiet kostituzzjonali u ġuridiċi estensivi kemm għar-Renju Unit kif ukoll għall-UE, u impatt sinifikanti fuq il-ħajja taċ-ċittadini u fuq in-negozji fir-Renju Unit u fl-UE; huwa għalhekk kuntent bl-impenn kontinwu stabbilit fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni biex iż-żewġ partijiet jiddefendu l-valuri u l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li huma fil-bażi tal-politiki nazzjonali u internazzjonali tagħhom, u r-regoli ġenerali dwar il-kundizzjonalità tad-drittijiet tal-bniedem, li jippermettu t-terminazzjoni jew is-sospensjoni sħiħa jew

---

Stéphane Séjourné, Marie Toussaint, Axel Voss, Lara Wolters, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos.
[4] Testi adottati, P9_TA(2020)0033.
[5] ĠU L 58, 27.2.2020, p. 53.
[6] Testi adottati, P9_TA(2020)0152.
[7] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
[8] ĠU C 384I , 12.11.2019, p. 178.
[9] ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2.

parzjali tal-ftehim għal motivi konnessi mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Huwa kuntent ukoll li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa konsistenti mal-mandat u t-termini tad-Dikjarazzjoni Politika peress li jipprovdi qafas istituzzjonali ġenerali uniku għall-aspetti kollha ta' kooperazzjoni ekonomika u ta' sigurtà, inkluż is-sajd u l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, li japplika għas-sħubija kollha kemm hi, inklużi ftehimiet supplimentari futuri; jinnota, f'dan ir-rigward, li minbarra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, s'issa kien hemm ftehim wieħed konness dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, kif ukoll ftehim awtonomu u komplet wieħed dwar il-kooperazzjoni nukleari;

3. Jilqa' l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim għas-sħubija ekonomika ġenerali stabbilita mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni abbażi tal-liġi internazzjonali pubblika, li jikkonsisti f'konsultazzjonijiet politiċi, proċeduri ta' arbitraġġ u possibbiltajiet ta' sospensjoni u ritaljazzjoni inkroċjata, iżda jqis li d-definizzjonijiet ewlenin tal-materjalità, l-impatt sinifikanti u l-oneru tal-provi għandhom jiġu ċċarati sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu jaħdem tajjeb fil-prattika; jenfasizza, barra minn hekk, li dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura l-effett sħiħ u l-awtonomija tal-liġi tal-UE, speċjalment fir-rigward tad-dritt tal-Istati Membri u l-liġi internazzjonali, billi ma jikkostitwixxix stħarriġ ġudizzjarju tal-atti tal-UE jew tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħha[10]; jilqa' wkoll, f'dan ir-rigward, il-materjalizzazzjoni tal-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 178(2)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ta' ritaljazzjoni jew sospenzjoni incroċjata tal-ftehimiet futuri parzjalment jew fit-totalità tagħhom, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fil-każ ta' ksur tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, mingħajr il-ħtieġa ta' rikors għal proċeduri ta' konsultazzjoni twal (l-Artikolu INST.10);

4. Huwa tal-fehma li fid-dawl tas-sistema ta' governanza flessibbli stabbilita fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, tal-kompożizzjoni u tas-setgħat wiesgħa fdati lill-Kunsill ta' Sħubija, tal-għadd kbir ta' kumitati speċjalizzati, u tar-rieżami ta' kull ħames snin taċ-ċikli ta' implimentazzjoni, huwa ta' importanza kbira li l-Parlament Ewropew ikun involut b'mod attiv fil-proċess deċiżjonali, fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni u fl-istadji li jmiss, inkluż il-proċess ta' rieżami, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza sħiħa u l-leġittimità demokratika fl-applikazzjoni tal-ftehim u fi kwalunkwe negozjati futuri; jilqa', għalhekk, l-impenn tal-Kummissjoni li tirrispetta kif xieraq id-dritt tal-Parlament li jkun infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-ftehimiet internazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[11] u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea[12]; jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni li dejjem tinforma lill-Parlament u żżommu aġġornat qabel u wara l-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u tal-kumitati speċjalizzati u li tikkondividi d-dokumenti kollha ta' dawn il-korpi konġunti fl-istess ħin

[10] Għal dak ir-rigward ara: l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2014, Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – Kompatibbiltà tal-abbozz ta' ftehim mat-Trattati UE u FUE, C-2/13, ECLI:EU:C:2014:2454, il-punt 184.

[11] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[12] Ftehim Qafas tal-20 ta' Novembru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, ĠU C 304, 20.11.2010, p. 47.

li din tikkondividihom mal-Kunsill, inklużi abbozzi ta' aġendi, proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni, eċċ.; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' gruppi konsultattivi interni u forum tas-soċjetà ċivili u jenfasizza l-importanza tal-possibbiltà li titwaqqaf assemblea parlamentari ta' sħubija, b'membri mill-parlamenti Ewropej u mir-Renju Unit, li jkollha tinżamm infurmata dwar il-ħidma tal-Kunsill ta' Sħubija u tkun tistgħu tagħmilu rakkomandazzjonijiet, biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku tad-deċiżjonijiet tal-korpi konġunti;

5. Huwa sodisfatt bl-istabbiliment ta' obbligu għar-Renju Unit li jirrispetta l-Ftehim ta' Pariġi adottat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fil-21 sessjoni tagħha (il-"Ftehim ta' Pariġi") u li jżomm lura minn atti jew ommissjonijiet li jistgħu jmorru kontra b'mod materjali l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi (l-Artikolu COMPROV.5), kif ukoll bil-possibbiltà sussegwenti għall-UE li ttemm jew tissospendi l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jew kwalunkwe ftehim supplimentari b'mod sħiħ jew parzjali fil-każ li r-Renju Unit iwettaq att jew ommissjoni li jmur kontra b'mod materjali l-għan u l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi (l-Artikolu INST.35);

6. Jieħu nota tan-nuqqas ta' soluzzjoni kompleta għall-protezzjoni tad-data fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u jieħu nota wkoll tat-tħabbira tal-Kummissjoni tat-tnedija tal-proċess għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[13] u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[14] sabiex tinkiseb iċ-ċertezza tad-dritt li l-individwi, il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġu leġittimament; jenfasizza wkoll f'dan ir-rigward li r-rwol tan-negozji fl-iskambju ta' data mhux personali għandu jitqies bħala aspett indispensabbli tas-sħubija, filwaqt li ssir distinzjoni ċara bejn dak u r-reġim ġuridiku applikabbli għall-protezzjoni tad-data personali; jissottolinja li t-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi dejjem iridu jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jew il-Kapitolu V tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi; ifakkar li sabiex tiġi ddikjarata l-adegwatezza tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, il-Kummissjoni jeħtiġilha turi li r-Renju Unit jipprovdi livell ta' protezzjoni li huwa "essenzjalment ekwivalenti" għal dak offrut mill-qafas ġuridiku tal-UE, inkluż dwar trasferimenti ulterjuri lejn pajjiżi terzi u regoli dwar l-aċċess għad-data personali għall-finijiet tas-sigurtà nazzjonali; jinsisti li jekk il-qafas ġuridiku tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit ma jikkwalifikax għal deċiżjoni ta' adegwatezza, għandu jsir użu sħiħ mill-mekkaniżmi ġuridiċi alternattivi previsti fil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data dwar it-trasferimenti internazzjonali;

7. Jirrakkomanda, bħala l-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali, sa fejn l-Unjoni Ewropea tkun affettwata, li l-Parlament għandu jkun jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal kwalunkwe att futur li jkollu effetti legali, propost mill-korpi stabbiliti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni f'dan ir-

[13] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[14] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

rigward, sakemm l-att ma jbiddilx biss elementi mhux essenzjali tal-ftehim;

*Proprjetà intellettwali*

8. Jissottolinja l-importanza tal-proprjetà intellettwali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità regolatorja kemm għad-detenturi tad-drittijiet tal-UE kif ukoll għall-benefiċjarji tal-limitazzjonijiet u l-eċċezzjonijiet fir-Renju Unit; jilqa' f'dan ir-rigward il-protezzjoni msaħħa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li tkopri t-tipi kollha ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – kif ukoll id-drittijiet tal-bejgħ mill-ġdid tal-artisti u l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv – trademarks u disinji reġistrati u mhux reġistrati, privattivi – inklużi ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari – u sigrieti kummerċjali u varjetajiet ta' pjanti; jilqa' wkoll l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet dwar l-infurzar u l-kooperazzjoni fil-ftehim, li jkopru firxa wiesgħa ta' miżuri bħall-infurzar ċivili u amministrattiv, proċeduri ġudizzjarji u ta' rimedju ċivili fil-qasam tas-sigriet kummerċjali, miżuri fil-fruntieri, regoli avvanzati dwar proċeduri doganali speċifiċi u possibbiltajiet ta' kooperazzjoni għal korpi doganali, tal-pulizija u dawk amministrattivi u ġudizzjarji;

9. Jiddispjaċih ħafna, madankollu, li l-indikazzjonijiet ġeografiċi futuri, id-denominazzjonijiet tal-oriġini jew l-ispeċjalitajiet tradizzjonali tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, minkejja r-referenza espliċita għal dan l-aspett fid-Dikjarazzjoni Politika, u li b'riżultat ta' dan, ma ġie stabbilit l-ebda mekkaniżmu dwar ir-rikonoxximent tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE fir-Renju Unit; jistieden, għalhekk, liż-żewġ partijiet ikomplu d-diskussjonijiet malajr kemm jista' jkun dwar dan l-aspett bil-ħsieb li jsibu arranġamenti xierqa li jibnu fuq il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi eżistenti li jinsabu fil-Ftehim dwar il-Ħruġ;

*Liġi dwar il-kumpaniji*

10. Jiddispjaċih ħafna li t-tipi ta' kumpaniji eżistenti tal-partijiet, bħas-Societas Europaea (SE) jew kumpaniji b'responsabbiltà limitata, mhumiex parti mill-ftehim u għalhekk mhux se jibqgħu jiġu aċċettati mill-parti opposta rispettiva; jieħu nota tal-għan tal-partijiet li jipprovdu ambjent regolatorju prevedibbli u proċeduri effiċjenti għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex jiġu stabbiliti standards minimi komuni li jiżguraw prattiki kummerċjali u jiggarantixxu kompetizzjoni ġusta, iżda kien jippreferi fehim konkret; madankollu, jinsab kuntent li l-partijiet, filwaqt li jipproteġu l-operaturi ekonomiċi, qiesu l-ħtieġa li tiġi żgurata klima ta' żvilupp sostenibbli u kompetittiva billi impenjaw ruħhom għal nonregressjoni f'termini ta' standards soċjali u tax-xogħol u billi qablu dwar dispożizzjonijiet dwar prattiki pprojbiti, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni;

*Kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili, inkluż fi kwistjonijiet tal-familja*

11. Jiddispjaċih ukoll li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili ma kinitx parti min-

negozjati għas-sħubija futura bejn l-UE u r-Renju Unit u għalhekk mhijiex koperta mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, li dan il-qasam tal-liġi huwa ta' importanza kbira fl-iżgurar taċ-ċertezza tad-dritt fir-relazzjonijiet kummerċjali u impreditorjali futuri bejn iċ-ċittadini u l-kumpaniji f'termini ta' tranżazzjonijiet transfruntiera; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jintlaħaq fehim konġunt fil-qasam tal-ġurisdizzjoni ċivili u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi pprovduta ċ-ċertezza u protezzjoni suffiċjenti tal-partijiet fi tranżazzjonijiet transfruntiera u attivitajiet oħra; jilqa', f'dan ir-rigward, it-tressiq mill-ġdid mir-Renju Unit tal-istrument ta' adeżjoni tiegħu għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum tat-28 ta' Settembru 2020, iżda jinnota li r-reġim ta' The Hague huwa aktar limitat fl-applikazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu mir-reġim Brussell I (riformulazzjoni) peress li japplika biss għal klawżoli ta' ġurisdizzjoni esklużiva li daħlu fis-seħħ wara li l-konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-pajjiż magħżul għall-klawżola tal-qorti; jilqa' wkoll l-applikazzjoni tar-Renju Unit tat-8 ta' April 2020 biex jibqa' parti għall-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007 ladarba l-perjodu ta' tranżizzjoni jkun intemm peress li din tipprovdi reġim ġeneralment ekwivalenti għar-Regolament ta' Brussell (qabel ma ġie "riformulat"); ifakkar, madankollu, li l-UE għandha tikkunsidra bir-reqqa d-deċiżjoni tagħha dwar din il-kwistjoni, speċjalment fid-dawl tal-Protokoll II tal-imsemmija konvenzjoni dwar l-interpretazzjoni uniformi tagħha u fid-dawl tal-possibbiltà li jinżamm bilanċ ġenerali tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali; jemmen li dan għandu jinvolvi b'mod partikolari kollaborazzjoni u djalogu effettivi bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li huwa responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali, sa fejn l-Unjoni Ewropea hija affettwata;

12. Jiddispjaċih ħafna wkoll li ma ġietx stabbilita soluzzjoni dettaljata u sinifikanti fir-rigward ta' kwistjonijiet matrimonjali, dawk relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri u kwistjonijiet oħra tal-familja mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni; itenni, f'dan ir-rigward, li dan kien, mill-bidu tan-negozjati, il-linja gwida ta' negozjar tal-Parlament; jilqa' f'dan ir-rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit għall-Konvenzjoni HCCH (Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat) tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja fit-28 ta' Settembru 2020, li se tiżgura l-kontinwità fl-applikazzjoni ta' din il-konvenzjoni wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni; jilqa' wkoll il-possibbiltajiet għal kooperazzjoni msaħħa, tal-anqas fi kwistjonijiet ewlenin tal-liġi tal-familja, li jistgħu jiġu offruti permezz tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit bħala osservatur fil-laqgħat tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u dwar kwistjonijiet ta' kooperazzjoni prattika fl-oqsma tar-responsabbiltà tal-ġenituri, il-ħtif tat-tfal u l-obbligi ta' manteniment.

Nispera li dan ta' hawn fuq se jikkontribwixxi b'mod siewi għar-rapport abbozzat mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali.

Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-iżvilupp ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Jannar 2021, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp, matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom ta' hawn taħt[1].

Dejjem tiegħek,

Tomas Tobé

## SUĠĠERIMENTI

1. Josserva l-importanza tar-Renju Unit bħala attur fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, minħabba l-kobor tal-għajnuna uffiċjali tiegħu għall-iżvilupp (minkejja tnaqqis tal-baġit

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Tomas Tobé (President u rapporteur għal opinjoni), Pierrette Herzberger-Fofana (l-ewwel Viċi President), Norbert Neuser (it-tieni Viċi President), Chrysoula Zacharopoulou (it-tielet Viċi President), Erik Marquardt (ir-raba' Viċi President), Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Antoni Comín i Oliveres, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Marc Tarabella, Patrizia Toia, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok.

minn 0,7 għal 0,5 % tal-ING), l-għarfien espert tiegħu, il-kapaċitajiet ta' implimentazzjoni ta' proġetti u r-relazzjonijiet komprensivi tiegħu mal-Commonwealth u ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw; jinkoraġġixxi lir-Renju Unit jgħin biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-Brexit fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jżomm l-impenn tiegħu li jibqa' jkollu pożizzjoni fuq quddiem nett f'dawk li huma għajnuna għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja; jitlob koordinament u kooperazzjoni mill-qrib bejn id-donaturi tal-UE u tar-Renju Unit, inkluża l-possibbiltà li jisfruttaw il-kapaċitajiet ta' xulxin biex ikunu massimizzati l-effiċjenza, l-iżvilupp ikun aktar effikaċi u jsir progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) iddeċieda li jippreżenta opinjoni fil-forma ta' ittra dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati ewlenin, biex iqisu l-kunsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fit-tħejjija tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.

F'isem il-Kumitat CONT, napprezza ħafna jekk tkunu tistgħu tiżguraw li d-deċiżjoni tal-Parlament tqis l-pożizzjoni u l-kunsiderazzjonijiet tal-Kumitat CONT dwar il-punti ta' hawn fuq.

Dejjem tiegħek,

Monika Hohlmeier

SUĠĠERIMENTI

A. wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2020 dwar ir-rakkomandazzjonijiet dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta'

Fuq (2020/2023(INI)),

B. wara li kkunsidra l-Ftehim  ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,

**Rimarki ġenerali**

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-24 ta' Diċembru 2020 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

2. Jesprimi l-apprezzament tiegħu tax-xogħol imwettaq mis-Sur Michel Barnier fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tat-Task Force għar-Relazzjonijiet mar-Renju Unit, kif ukoll mit-Task Force kollha, u għall-mod kif in-negozjati twettqu min-naħa tal-UE;

3. Jinnota li l-perjodu ta' tranżizzjoni definit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit intemm fil-31 ta' Diċembru 2020; jinnota b'sodisfazzjon li l-Ftehim żgura li l-effetti ta' tfixkil għall-fluss tal-prodotti tnaqqsu meta mqabbla ma' sitwazzjoni mingħajr ftehim; jenfasizza, fl-istess ħin, li t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni wassal, madankollu, għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri u proċeduri burokratiċi ġodda, li kellha effetti serji għall-operaturi ekonomiċi; jilqa' l-fatt li l-Ftehim jippreserva l-integrità tas-suq uniku;

4. Jinnota li ntlaħaq ftehim dwar it-tkomplija tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit, f'konformità mal-atti bażiċi, f'Orizzont Ewropa (bl-esklużjoni tal-Fond Ewropew tal-Kunsill tal-Innovazzjoni); fil-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Eurotom: fil-komponent Copernicus tal-Programm Spazjali; u fl-ITER (il-proġett tal-fużjoni nukleari). Ir-Renju Unit ser ikollu wkoll aċċess għal servizzi ta' Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju fil-qafas tal-Programm Spazjali;

5. Jinnota li r-Renju Unit ser jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja annwali fil-forma ta' kontribuzzjoni operattiva, li se tkun ibbażata fuq kriterju ta' finanzjament definit bħala l-proporzjon tal-PDG tar-Renju Unit bi prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bi prezzijiet tas-suq li jista' jiġi aġġustat b'mod retrospettiv taħt ċerti kundizzjonijiet u li mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatiku japplika għal Orizzont Ewropa; jilqa' l-introduzzjoni ta' tariffa ġdida għall-parteċipazzjoni, li hija stabbilita għal 4 % tal-kontribuzzjoni operattiva annwali b'perjodu ta' introduzzjoni gradwali u mhijiex, b'mod ġenerali, suġġetta għal aġġustamenti retrospettivi;

6. Jirrimarka li l-Parlament għandu jkun involut b'mod attiv fl-iżvilupp futur tal-Ftehim, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni fl-Assemblea ta' Sħubija Parlamentari u permezz ta' skrutinju u involviment mill-qrib fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fil-Kunsill ta' Sħubija u n-numru għoli ta' Kumitati Speċjalizzati għat-tmexxija futura tal-ftehim; il-Kumitat CONT għandu jkun infurmat u involut malajr u b'mod attiv fl-iżviluppi relatati mal-oqsma ta' kompetenza tiegħu;

***Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

7. Jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fid-dimensjonijiet kollha u li r-Renju Unit jirrispetta bis-sħiħ l-obbligi finanzjarji tiegħu li jirriżultaw mill-Ftehim;

8. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u dan irendi l-qafas ġuridiku rilevanti tal-UE applikabbli inklużi miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra, kontrolli u awditi effettivi, u fejn jinstabu irregolaritajiet, jiżgura l-irkupri tal-ammonti mħallsa kif ukoll sanzjonijiet u penali amministrattivi effettivi u proporzjonati;

9. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-Ftehim u, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet, id-dritt ta' aċċess għas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF u l-UPPE kif ukoll id-dritt ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew jiġu rispettati bis-sħiħ; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni;

10. Jinsisti fuq delegazzjoni tal-UE b'saħħitha fir-Renju Unit, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni;

11. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jinkludi Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' krediti li jirriżultaw mit-taxxi u d-dazji; f'dan ir-rigward jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni b'saħħitha fl-oqsma tal-VAT u d-dazji doganali sabiex jiġu żgurati l-ġbir xieraq u l-irkupru ta' krediti;

12. Jenfasizza li l-proċeduri doganali huma kumplessi ħafna u li hemm ħtieġa kontinwa li jiġi żgurat skambju rapidu ta' informazzjoni u kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex jiġu żgurati kontrolli u żdoganar effiċjenti, u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

13. Jenfasizza, fl-istess ħin, il-ħtieġa li tiġi evitata l-frodi doganali u tal-VAT inkluż it-traffikar (kuntrabandu) permezz ta' kontrolli adegwati li jqisu l-probabbiltà li merkanzija speċifika tkun suġġetta għal traffikar jew dikjarazzjoni falza fir-rigward tal-oriġini jew il-kontenut .

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 –2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (il-Kumitat ECON) ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, il-koordinaturi tal-Kumitat ECON iddeċidew permezz ta' proċedura bil-miktub li jibagħtu l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat ECON eżamina il-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2021. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom ta' hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Irene Tinagli

## SUĠĠERIMENTI

*Prinċipji ġenerali*

1. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-Ftehim) għadu qed jiġi żviluppat;

2. Jinnota d-diffikultajiet partikolari kkawżati lill-ekonomija kollha tal-Irlanda mir-restrizzjoni tal-moviment liberu ta' ċittadini tal-UE mhux Irlandiżi u ta' servizzi fil-gżira tal-Irlanda;

3. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni biex jimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-iżviluppi tas-suq fis-servizzi finanzjarji sabiex jidentifikaw it-tfixkil potenzjali tas-suq u t-theddid għall-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri fil-ħin;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta s-sejbiet ta' dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ lill-Kumitat ECON, anke fid-dawl tar-rieżamijiet previsti fil-Ftehim;

*Aċċess għas-swieq*

5. Jinnota li l-Ftehim ma jipprevedix aċċess komprensiv għas-suq fir-rigward tas-servizzi finanzjarji u li d-drittijiet ta' passaportar bejn l-UE u r-Renju Unit ma baqgħux japplikaw meta l-perjodu ta' tranżizzjoni jkun intemm; jinnota li l-aċċess għas-suq finanzjarju issa huwa bbażat fuq id-dritt tal-UE u dak nazzjonali inkluż, fejn applikabbli, il-qafas tal-ekwivalenza;

6. Jinnota li l-qafas ta' ekwivalenza tal-UE huwa minqux f'diversi regolamenti u direttivi settorjali dwar is-servizzi finanzjarji u li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza huma unilaterali u għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati;

7. Jissottolinja li l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza jridu jħarsu 'l quddiem, jiġifieri jridu jrawmu livell suffiċjenti ta' allinjament regolatorju mal-qafas regolatorju tas-suq uniku, u b'hekk jipprovdu salvagwardja għall-integrità tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji u garanziji robusti għall-protezzjoni tal-investituri;

8. Jenfasizza l-ħtieġa għal monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe digressjoni possibbli tar-regoli tar-Renju Unit mill-istandards tal-UE bil-ħsieb li jiġu evitati vantaġġi kompetittivi u arbitraġġ regolatorju mhux dovuti abbażi ta' diverġenza regolatorja għall-impriżi bbażati fir-Renju Unit u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

9. Ifakkar li l-UE tista' tirtira unilateralment kwalunkwe deċiżjoni ta' ekwivalenza fi

kwalunkwe ħin jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ekwivalenti ma jibqgħux jiġu ssodisfati;

10. Jinnota li d-dikjarazzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni regolatorja bejn l-UE u r-Renju Unit fir-rigward tas-servizzi finanzjarji tiddikjara li għandu jsir ftehim dwar Memorandum ta' Qbil (MtQ) sa Marzu 2021;

11. Huwa tal-fehma li l-ftehim dwar il-MtQ għandu jinkludi arranġamenti speċifiċi ta' kooperazzjoni bil-għan li jitrawwem l-allinjament regolatorju u jiġi żgurat li l-bidliet potenzjali fil-qafas legali tar-Renju Unit u l-implimentazzjoni tiegħu jiġu kkomunikati fil-ħin lill-awtoritajiet superviżorji tal-UE;

12. Jenfasizza li kwalunkwe qafas bħal dan għal kooperazzjoni regolatorja futura dwar is-servizzi finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq impenji robusti mmirati lejn il-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa aggressiv u l-ħasil tal-flus;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza fin-negozjati dwar il-MtQ u tinvolvi regolarment lill-Kumitat ECON fihom, fl-istess livell li jinvolvi lill-Kunsill;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti jekk u taħt liema kundizzjonijiet il-qafas futur għall-kooperazzjoni regolatorja dwar is-servizzi finanzjarji jista' jintegra b'mod strateġiku l-objettivi għall-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fil-qafas tal-ekwivalenza tal-UE;

*Unjoni tas-Swieq Kapitali*

15. Jirrimarka li l-ħruġ tar-Renju Unit joħloq momentum ġdid għar-regolamentazzjoni tas-swieq kapitali u jagħmel ir-regolamentazzjoni sikura u ambizzjuża tas-swieq kapitali fl-UE-27 aktar urġenti, sabiex jiġi żgurat finanzjament stabbli, diversifikat tajjeb u kosteffiċjenti tal-ekonomija tal-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta proposta leġiżlattiva li temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji ("ir-Regolament Omnibus") bil-għan li tadattaha għas-sitwazzjoni l-ġdida li fiha r-Renju Unit ħareġ mis-suq intern u għalhekk fejn ir-referenzi kollha għal ċirkostanzi speċifiċi tar-Renju Unit ma jkunux għadhom xierqa;

17. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li f'każ ta' tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja, l-integrità tas-suq jew il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, is-superviżuri tal-UE għandhom jingħataw setgħat superviżorji diretti u msaħħa fuq ċerti entitajiet ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont il-qafas tal-ekwivalenza tal-UE;

*Kwistjonijiet fiskali*

18. Jinnota li fil-qasam tat-tassazzjoni, iż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' governanza tajba, inklużi standards internazzjonali dwar it-trasparenza fiskali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta fil-qasam tat-taxxa;

19. Ifakkar li l-ġlieda koordinata kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa tibqa' prijorità u hija prerekwiżit biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

20. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' miżuri fiskali fi kwalunkwe mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim jew mekkaniżmu ta' riekwilibriju, inkluża klawżola ta' nonrigressjoni fit-tassazzjoni korporattiva, u jibża' mill-impatt ta' leġiżlazzjoni differenti dwar it-tassazzjoni fuq l-introjtu korporattiv u t-trasparenza tat-taxxa fuq l-evitar tat-taxxa;

21. Ifakkar li kwalunkwe pajjiż terz li jkollu rabtiet ekonomiċi b'saħħithom mal-UE jiġi skrinjat mill-Kunsill bħala parti mill-proċess ta' elenkar tal-UE li jidentifika ġurisdizzjonijiet tat-taxxa li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa; għalhekk jitlob li l-Kunsill iżid minnufih lir-Renju Unit mal-lista ta' pajjiżi vvalutati regolarment biex jiżgura li l-impenji tad-dikjarazzjoni politika konġunta[1] dwar il-ġlieda kontra reġimi tat-taxxa dannużi jiġu rispettati;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw b'mod rigoruż l-għodod kontra l-evitar tat-taxxa għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari r-regoli dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż, biex jipproteġu d-dħul mit-taxxa tagħhom, filwaqt li jitqies il-fatt li r-Renju Unit issa huwa pajjiż terz;

23. Jistieden lill-UE tintegra impenji robusti li jipprevjenu l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, inkluż it-trasparenza fiskali u finanzjarja f'oqsma rilevanti, speċjalment fir-rigward ta' ġurisdizzjonijiet tat-taxxa differenti li jinsabu fir-Renju Unit u fit-territorji extra-Ewropej tiegħu, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

*Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu*

24. Jinnota l-miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari dwar l-iskambju ta' informazzjoni u s-sjieda benefiċjarja;

25. Jinnota li ż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jżommu reġim komprensiv biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u b'mod regolari jirrieżaminaw il-ħtieġa li jtejbu dak ir-reġim, b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja;

26. Jiddispjaċih li ksur possibbli ta' dan l-impenn mhuwiex soġġett għall-proċedura ta' arbitraġġ prevista fil-Ftehim;

27. Jiddispjaċih li r-regoli kontra l-ħasil tal-flus mhumiex koperti mir-regoli ta' riekwilibriju, li jippermettu l-allinjament tal-istandards li qed jevolvu;

28. Jappella għal valutazzjoni bir-reqqa tar-Renju Unit, inkluż billi titkompla l-valutazzjoni tat-territorji extra-Ewropej u d-dipendenzi tal-Kuruna tiegħu, skont il-kriterji tal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod disponibbli, tikkunsidra għodod ġodda fir-

[1] Dikjarazzjoni politika tas-17 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 178.

reviżjoni li jmiss tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus u tiżgura kooperazzjoni sinċiera fir-rigward tat-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja, tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi u tipproteġi s-suq uniku mir-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu li jirriżultaw mir-Renju Unit;

*Kompetizzjoni*

30. Jinnota li kompetizzjoni ġusta tibni fuq kundizzjonijiet ekwi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi u jiġi evitat id-dumping fil-futur[2];

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka b'mod partikolari fuq skemi ta' għajnuna mill-Istat li jinvolvu żoni ħielsa, żoni ekonomiċi u deċiżjonijiet tat-taxxa fis-sens wiesa', inklużi ftehimiet informali.

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 47 | + |
|---|---|
| ECR | Raffaele Fitto |
| PPE | Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, Enikő Győri, Danuta Maria Hübner, Georgios Kyrtsos, Aušra Maldeikienė, Eva Maydell, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Jessica Polfjärd, Ralf Seekatz, Inese Vaidere |
| Renew | Gilles Boyer, Engin Eroglu, Luis Garicano, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Dragoş Pîslaru, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Marek Belka, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli |
| The Left | José Gusmão, Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Sven Giegold, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Piernicola Pedicini, Mikuláš Peksa, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun |

| 4 | - |
|---|---|
| ID | Gerolf Annemans, Gunnar Beck, Jörg Meuthen |
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Derk Jan Eppink, Cristian Terheş, Johan Van Overtveldt, Roberts Zīle |

2 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-politika tal-kompetizzjoni – rapport annwali 2019, testi adottati, P9_TA(2020)0158.

| | |
|---|---|
| ID | Francesca Donato, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
15E201
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
12G301
BRUSSELL

Suġġett: Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat EMPL dwar id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ddeċieda jippreżenta opinjoni lill-Kumitati tagħkom fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2021. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jibgħat l-opinjoni tiegħu lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli.

Dejjem tiegħek,

Lucia Ďuriš Nicholsonová

## SUĠĠERIMENTI

A. billi l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni Ewropea ("UE") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika jaffettwa miljuni ta' ċittadini – kemm ċittadini tar-Renju Unit li jgħixu, jivvjaġġaw jew jaħdmu fl-

Unjoni u ċittadini tal-Unjoni li jgħixu, jivvjaġġaw jew jaħdmu fir-Renju Unit, kif ukoll persuni li mhumiex ċittadini tal-Unjoni u tar-Renju Unit;

B. billi pajjiżi terzi, li mhumiex soġġetti għall-istess obbligi bħall-Istati Membri, ma jistax ikollhom l-istess drittijiet u jgawdu mill-istess benefiċċji bħal Stat Membru; billi, min-naħa l-oħra, huwa fl-interess reċiproku tal-UE u tar-Renju Unit li tiġi segwita relazzjoni ambizzjuża, wiesgħa u bbilanċjata permezz tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u ftehimiet possibbli oħra;

C. billi mill-2008, l-UE inkludiet dispożizzjonijiet dwar l-istandards tax-xogħol fil-kapitli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi;

D. billi d-Dikjarazzjoni Politika li takkumpanja l-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit) mill-Unjoni Ewropea (UE) u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tad-19 ta' Ottubru 2019 u l-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") jistabbilixxu l-qafas tar-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit billi jiddefinixxu l-parametri ta' sħubija ambizzjuża, wiesgħa, profonda u flessibbli fl-oqsma tal-kummerċ u tal-kooperazzjoni ekonomika, iċċentrata fuq Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) komprensiv u bbilanċjat;

E. billi l-Artikolu 184 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li l-UE u r-Renju Unit għandhom jagħmlu kull sforz, *in bona fide* u b'rispett sħiħ tal-ordinamenti ġuridiċi rispettivi tagħhom, biex jieħdu l-passi neċessarji biex jinnegozjaw bla telf ta' żmien il-ftehimiet li jirregolaw ir-relazzjoni futura tagħhom imsemmija fid-Dikjarazzjoni Politika u biex iwettqu l-proċeduri rilevanti għar-ratifika u l-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet, bil-għan li jiżguraw li dawk il-ftehimiet japplikaw, sa fejn possibbli, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni;

F. billi l-Kunsill Ewropew adotta l-linji gwida ta' negozjar tiegħu bil-ħsieb tal-ftuħ ta' negozjati dwar il-fehim ġenerali tal-qafas għar-relazzjoni futura, li kellhom jiġu elaborati fid-Dikjarazzjoni Politika;

G. billi, minħabba l-prossimità ġeografika u l-interdipendenza ekonomika kurrenti tal-UE mar-Renju Unit (il-Partijiet), kif ukoll minħabba n-numru kbir ta' ċittadini tal-UE li jgħixu fir-Renju Unit u ta' ċittadini tar-Renju Unit li jgħixu fl-UE, is-sħubija bejn l-UE u r-Renju Unit għandha tkun komprensiva, tinkludi Ftehim ta' Kummerċ Ħieles kif ukoll kooperazzjoni settorjali usa' meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni;

H. billi din is-sħubija għandha, b'mod partikolari, timmira li tistabbilixxi Ftehim ta' Kummerċ Ħieles li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda tariffa, l-ebda kwota u l-ebda dumping, anke fir-rigward tal-istandards soċjali u tal-impjiegi, permezz ta' impenji robusti;

I. billi dawn l-impenji għandhom l-għan li jipprevjenu t-tgħawwiġ fil-kummerċ u l-vantaġġi kompetittivi inġusti bil-għan li tiġi żgurata relazzjoni sostenibbli u dejjiema bejn il-Partijiet; billi s-sħubija għalhekk għandha tkun ibbażata fuq standards għoljin u fuq bilanċ ta' drittijiet u obbligi li jiżguraw l-indiviżibilità tal-erba' libertajiet u jiggarantixxu kondizzjonijiet ekwivalenti li jibqgħu validi tul iż-żmien;

J. billi, għalhekk is-sħubija għandha tħaddan livell għoli ta' standards soċjali u tal-impjiegi komuni, u livell għoli ta' standards korrispondenti żviluppati maż-żmien, bl-użu tal-istandards u d-drittijiet soċjali u tal-impjiegi tal-UE bħala punt ta' referenza;

K. billi s-sħubija għandha timpenja lill-Partijiet favur it-titjib kontinwu tal-livelli rispettivi ta' protezzjoni tagħhom, bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' standards soċjali u tal-impjiegi korrispondenti sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti;

L. billi fid-dawl tal-impenn meħud fid-Dikjarazzjoni Politika favur kondizzjonijiet ekwivalenti, is-sħubija għandha, b'mod partikolari, tiżgura li l-livell ta' protezzjoni soċjali u tal-impjiegi ipprovdut mil-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki ma jitnaqqasx taħt il-livell stipulat mill-istandards komuni applikabbli fl-UE u fir-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, tal-anqas f'dawn l-oqsma li ġejjin: id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol; is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' prekawzjoni; kondizzjonijiet tax-xogħol u standards tal-impjiegi ġusti; l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u d-drittijiet fil-livell ta' kumpanija u r-ristrutturar; billi s-sħubija għandha wkoll tipproteġi u tippromwovi d-djalogu soċjali fost il-ħaddiema u l-impjegaturi, u l-organizzazzjonijiet u l-gvernijiet rispettivi tagħhom, u għandha tħeġġeġ id-djalogu mas-soċjetà ċivili;

M. billi f'dan ir-rigward il-prinċipju tan-nonrigressjoni tal-livelli attwali u futuri tal-protezzjoni soċjali u tax-xogħol huwa essenzjali; billi skont l-Artikoli 6.1 u 6.2 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni l-ebda Parti ma titħalla tbaxxi l-istandards soċjali u tax-xogħol applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet;

N. billi s-sħubija għandha tiżgura l-infurzar effettiv tal-impenji tar-Renju Unit u tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki tiegħu li jirriflettu dawk l-impenji, permezz ta' awtoritajiet domestiċi b'riżorsi adegwati, sistema effettiva ta' spezzjonijiet tax-xogħol u proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji effettivi;

O. billi l-arranġamenti ta' mobilità għandhom ikunu bbażati fuq nondiskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u reċiproċità sħiħa; billi s-sħubija trid tipprevedi wkoll koordinazzjoni estensiva u profonda tas-sigurtà soċjali;

P. billi s-sħubija għandha tinkludi arranġamenti xierqa għas-soluzzjoni tat-tilwim u l-infurzar, u għandha b'mod partikolari tistabbilixxi korp governattiv responsabbli għall-ġestjoni u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni u l-operat tas-sħubija, bil-għan li jiffaċilita s-soluzzjoni tat-tilwim; billi huwa importanti li s-sħab soċjali jkunu involuti, fejn xieraq, fil-proċess ta' soluzzjoni tat-tilwim;

Q. billi l-Parlament Ewropew insista matul in-negozjati li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tibqa' l-uniku arbitru tad-dritt tal-Unjoni;

R. billi qabel ma adotta l-Att tal-Unjoni Ewropea tal-2020 (il-Ftehim dwar il-Ħruġ), il-Gvern tar-Renju Unit ħassar klawżoli li kienu jipprovdu ċertu livell limitat ta' protezzjoni legali domestika għad-drittijiet tal-ħaddiema derivati mill-UE, u impenja ruħu li jerġa' jdaħħal dawn id-dispożizzjonijiet f'Abbozz ta' Liġi dwar l-Impjieg li jmiss; billi dan l-Abbozz ta' Liġi għadu ma ġiex introdott;

*Kummenti ġenerali*

1. Jilqa' l-isforzi intensi u ta' suċċess tan-negozjaturi tal-UE u tar-Renju Unit biex jintlaħaq Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Partijiet, u b'hekk jiġu evitati l-konsegwenzi diżastrużi ta' xenarju ta' ebda ftehim għal miljuni ta' ċittadini u negozji; jiddeplora l-fatt li n-natura tal-aħħar minuta tal-ftehim ma ppermettietx skrutinju parlamentari xieraq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u jiddispjaċih ħafna għal darb' oħra li l-Gvern tar-Renju Unit ma tax lok għal tranżizzjoni iktar bla xkiel permezz tal-estensjoni tal-iskadenza biex jintlaħaq ftehim; jiddispjaċih li n-natura tal-aħħar minuta tal-ftehim kellha impatt immedjat u negattiv fuq iċ-ċittadini u n-negozji li jridu jlaħħqu ma', u jadattaw għal, regoli ġodda li jaffettwaw l-għajxien u l-ħajja ta' kuljum tagħhom;

2. Ifakkar li n-natura unika tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni li, filwaqt li huwa simili għal ftehimiet oħra ta' kummerċ ħieles, fis-sens li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li skonthom il-prodotti li jikkonformaw ma' regolamenti differenti jistgħu jiġu aċċettati u jistabbilixxi mekkaniżmi biex dawn ir-regolamenti jiġu armonizzati u biex jiġu mħeġġa approċċi konverġenti għal regolamentazzjoni futura, għandha tindirizza wkoll it-telf ta' drittijiet li ilhom stabbiliti għal żmien twil, bħad-dritt għall-moviment liberu, u d-dritt tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali; ifakkar li, b'differenza minn ftehimiet kummerċjali oħra, il-Partijiet qed jibdew b'oqfsa regolatorji armonizzati b'mod estensiv, drittijiet komuni u swieq integrati fil-fond, u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandu l-għan li jikkontrolla l-mod li bih dawn jistgħu jvarjaw fil-futur u li jillimita l-impatt fuq iċ-ċittadini, is-soċjetà u l-ekonomija li jirriżulta minn dik id-diverġenza;

3. Jilqa' l-fatt li, minkejja xi nuqqasijiet fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-prijorità tal-Parlament Ewropew li jissalvagwardja d-drittijiet taċ-ċittadini fil-biċċa l-kbira tal-każijiet inkisbet, iżda jiddispjaċih li l-moviment liberu tal-persuni bejn l-UE u r-Renju Unit intemm fl-1 ta' Jannar 2021, li l-moviment kollu issa huwa soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni tal-UE u tar-Renju Unit applikabbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u li d-drittijiet u l-protezzjoni taċ-ċittadini li jirriżultaw mill-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali se jitnaqqsu ; ifakkar, madankollu, li l-persuni li jinsabu jew li diġà kienu jinsabu f'sitwazzjoni transfruntiera bejn l-UE u r-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021 huma koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jippermettilhom ikomplu jgawdu mid-dritt li jibqgħu jew li jaħdmu, jiżgura n-nondiskriminazzjoni u jipproteġi d-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom; jinnota l-possibilità li ċerti tipi ta' vjaġġar, inklużi l-vjaġġi għal negozju għal żmien qasir u żjarat għal skopijiet oħra (bħal trasferimenti bejn l-istess kumpanija ta' massimu ta' tliet snin), jibqgħu mingħajr viża;

4. Jiddispjaċih li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) mhux se tkun il-ġurisdizzjoni li tinterpreta l-prinċipji inklużi fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni derivati mid-dritt tal-Unjoni, u li fil-futur il-qrati supremi u tal-appell tar-Renju Unit jistgħu jiddevjaw mill-ġurisprudenza tal-QĠUE;

5. Jenfasizza li l-aċċess għall-ġustizzja huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-drittijiet taċ-ċittadini; ifakkar fl-impatt immedjat dirett tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fuq id-drittijiet taċ-ċittadini, speċjalment għal dawk iċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu jew jgħixu fir-Renju Unit u ċ-ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu jew

jgħixu fl-UE; jistieden liż-żewġ Partijiet għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprovdu liċ-ċittadini aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni legali fir-rigward tad-drittijiet tagħhom quddiem il-qrati tar-Renju Unit u tal-UE;

6. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Gvern tar-Renju Unit għadu ma wettaqx l-impenn tiegħu fir-rigward ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-Impjieg ġdid; ifakkar li l-istandards soċjali u tax-xogħol fl-Abbozz ta' Liġi dwar l-Impjieg m'għandhomx ikunu statiċi, iżda għandhom isegwu direttament kwalunkwe titjib li jsir fl-istandards soċjali u tax-xogħol fl-UE, sabiex li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-Partijiet;

7. Ifakkar li skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni kwalunkwe tnaqqis tal-istandards soċjali u tax-xogħol mir-Renju Unit b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment, inkluż billi jonqos milli jinforza b'mod effettiv id-dritt u l-istandards tiegħu, jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tan-nonrigressjoni u tad-dispożizzjonijiet dwar il-kondizzjonijiet ekwivalenti;

8. Jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar rapporti f'dawn l-aħħar ġimgħat li d-Dipartiment tan-Negozju Brittaniku qed jikkunsidra pakkett ta' miżuri deregolatorji bħala parti minn tiġdid maġġuri tas-suq tax-xogħol tar-Renju Unit wara l-Brexit, bis-Segretarju tal-Istat tar-Renju Unit għan-Negozju, l-Enerġija u l-Istrateġija Industrijali jikkonferma li l-Gvern tar-Renju Unit qed jeżamina mill-ġdid il-liġijiet dwar l-impjiegi derivati mill-UE, li wħud minnhom – b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol – jistgħu jitwarrbu; ifakkar li tali miżuri jistgħu, jekk jiġu adottati, inaqqsu b'mod drammatiku d-drittijiet tal-ħaddiema fir-Renju Unit, iżda jista' jkollhom ukoll impatt materjali sostanzjali fuq il-kondizzjonijiet ekwivalenti previsti mill-ftehim għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u żvilupp sostenibbli bejn il-Partijiet; jenfasizza li tali miżuri jmorru kontra l-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles;

9 Jiddeplora b'mod speċjali, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni adottati reċentement, li l-iskadenzi għat-traspożizzjoni tagħhom inzertaw waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, bħad-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u d-Direttiva dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea, ma ġewx trasposti fir-Renju Unit; jiddeplora l-fatt li għalkemm ir-Renju Unit kien obbligat skont l-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li jittrasponi d-direttivi msemmija hawn fuq matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, huwa ma ħax il-passi meħtieġa biex jittrasponihom fil-liġi nazzjonali u b'hekk ċaħħad liċ-ċittadini tar-Renju Unit minn ċerti drittijiet li għadhom kif ġew stabbiliti;

10. Iħeġġeġ lir-r-Renju Unit ikompli jipparteċipa bħala pajjiż terz osservatur mingħajr ebda rwol ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-aġenziji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat tal-Impjiegi tal-Parlament, bħall-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (abbażi tal-mudell tan-Norveġja[1]), peress li dan jippermetti lill-

[1] In-Norveġja għandha ftehim bilaterali mal-Eurofound u tħallas biex tiġi inkluża fl-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol, u ilha tipparteċipa fih sa mis-sena 2000 (l-erba' edizzjonijiet preċedenti). Hija pparteċipat ukoll fit-tieni edizzjoni tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja fl-2007–2008. In-Norveġja taġixxi wkoll bħala osservatur għall-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) fuq il-Bord tat-Tmexxija tal-Eurofound. Barra minn hekk, il-Eurofound għandu Network ta' Korrispondenti Ewropej li jkopri l-Istati Membri kollha tal-UE u n-Norveġja, li jipprovdi kontributi ta' esperti nazzjonali rilevanti għad-dibattitu Ewropew. Permezz ta' dan in-network, l-Osservatorju Ewropew tar-Ristrutturar tal-Eurofound jissorvelja wkoll l-impatt fuq l-impjiegi tal-avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira, tal-istrumenti ta' appoġġ għar-ristrutturar u

Partijiet jaqsmu d-data, l-aħjar prattiki u l-metodoloġiji; iħeġġeġ bil-qawwa wkoll lir-Renju Unit jikkoopera mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (skont l-Artikoli 17(6) u 42 tar-Regolament 2019/1149) sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dritt tal-Unjoni u tar-Renju Unit fir-rigward tal-mobilità tal-forza tax-xogħol, u mal-Kummissjoni Amministrattiva skont ir-Regolament 883/2004/KE; jiddispjaċih li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma jipprevedix tali kooperazzjoni u li r-Renju Unit, s'issa, ma esprimiex interess fir-rigward;

11. Jiddispjaċih ħafna li b'segwitu għall-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, ir-Renju Unit mhux se jkompli jipparteċipa fil-programm ta' skambju Erasmus għall-perjodu 2021 – 2027, u b'hekk iċaħħad lill-istudenti kemm tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit minn esperjenzi siewja ta' studju u xogħol barra mill-pajjiż; jinnota li l-azzjonijiet ta' mobilità li jkopru l-istudenti tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali (ETV) se joffru l-possibilità li titwettaq mobilità f'pajjiżi terzi, inkluż ir-Renju Unit; iħeġġeġ bil-qawwa lir-Renju Unit jikkunsidra mill-ġdid l-approċċ tiegħu f'dan ir-rigward u jipparteċipa fl-Erasmus fil-futur skont il-Parti V tal-Ftehim, inklużi l-kondizzjonijiet finanzjarji tiegħu;

12. Jiddeplora d-deċiżjoni diskriminatorja tar-Renju Unit li japplika tariffi differenti għall-viżi għax-xogħol għaċ-ċittadini ta' ċerti Stati Membri tal-UE fir-rigward, pereżempju, tal-viżi għax-xogħol staġjonali u l-viżi għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u l-indokrar; jenfasizza l-importanza li jiġi ggarantit aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol tar-Renju Unit għaċ-ċittadini tal-UE u l-ħtieġa li tiġi applikata l-istess tariffa għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

13. Ifakkar fl-importanza tal-mekkaniżmi stabbiliti miż-żewġ Partijiet għall-monitoraġġ tal-bidliet u d-diffikultajiet li jistgħu jesperjenzaw iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE li jgħixu fir-Renju Unit u ċ-ċittadini tar-Renju Unit li jgħixu fl-UE, bil-għan li jiġu identifikati s-sitwazzjonijiet ta' inċertezza tad-dritt u jinstabu soluzzjonijiet għalihom; jilqa' l-istabbiliment tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili f'dan ir-rigward;

*Kondizzjonijiet ekwivalenti*

14. Ifakkar li, b'mod ġenerali, ix-xejriet konverġenti fir-regolamentazzjoni jibbilanċjaw il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni, filwaqt li x-xejriet diverġenti jistgħu jwasslu għal bidliet relattivi fil-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni;

15. Ifakkar li, fid-dawl tal-prossimità ġeografika u l-interdipendenza ekonomika tal-Partijiet, il-prinċipju gwida tal-UE matul in-negozjati kien li tirfed il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni b'impenji legali robusti li jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta, inkluż, fost l-oħrajn, dwar l-istandards tax-xogħol u dawk soċjali, sabiex tevita "ġirja lejn l-aktar livell baxx" u vantaġġi kompetittivi inġusti miksuba permezz ta' tnaqqis fil-livelli ta' protezzjoni jew diverġenza regolatorja oħra;

16. Jinnota l-elementi ewlenin tas-"sett ta' għodod" miftiehem mar-Renju Unit fir-rigward tal-kwistjonijiet soċjali u tax-xogħol, b'mod partikolari (1) ir-referenza espliċita għall-

tal-leġiżlazzjoni relatata mar-ristrutturar fl-Istati Membri tal-UE u fin-Norveġja.

Karta Soċjali Ewropea u l-Konvenzjonijiet tal-ILO, (2) ir-rwol tal-infurzar domestiku fl-impenji tan-nonrigressjoni, u (3) is-sistema ta' miżuri ta' riekwilibriju biex tiġi indirizzata d-diverġenza futura;

17. Ifakkar li l-klawsola tan-nonrigressjoni fl-Artikolu 6.2 hija soġġetta għal test tad-distorsjoni tal-kummerċ u tipprevedi li l-ebda Parti ma tista' ddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni soċjali u tax-xogħol proprja taħt il-livelli eżistenti fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni "b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet"; jiddispjaċih b'mod partikolari dwar il-limitu għoli ħafna f'dan ir-rigward ("b'mod li jaffettwa l-kummerċ");

18. Jinsisti li n-nonrigressjoni sħiħa u qawwija tal-istandards tax-xogħol u soċjali hija ta' importanza kbira, bħalma huwa l-monitoraġġ mill-qrib miż-żewġ Partijiet tad-diverġenzi futuri possibbli, u jistieden lill-Kummissjoni tinforza bis-sħiħ din id-dispożizzjoni, tinvolvi mill-qrib lis-sħab soċjali fil-proċeduri tal-verifika tal-konformità, u żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati bħala koleġiżlaturi;

19. Jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza tal-implimentazzjoni korretta u l-infurzar domestiku effettiv tal-prinċipju tan-nonrigressjoni miż-żewġ Partijiet, u jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi f'dan ir-rigward; jinnota li l-infurzar tal-implimentazzjoni ta' tali livelli ta' protezzjoni huwa previst permezz tal-infurzar domestiku u d-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim; ifakkar li, fil-każ ta' tilwima bejn il-Partijiet rigward l-applikazzjoni tal-kapitolu dwar l-istandards tax-xogħol u dawk soċjali, il-Partijiet jirrikorru esklużivament għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikoli 9.1, 9.2 u 9.3 tat-Titolu XI jew it-Tieni Parti b'deroga mit-Titolu I tas-Sitt Parti dwar is-soluzzjoni tat-tilwim u d-dispożizzjonijiet orizzontali; jinnota wkoll, fir-rigward tal-miżuri ta' riekwilibriju skont l-Artikolu 9.4, li dawn se jiġu skattati biss meta jkun hemm impatti materjali fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet li jirriżultaw minn diverġenzi sinifikanti; jinsab imħasseb, madankollu, dwar kif tnaqqis unilaterali futur tal-istandards soċjali u tax-xogħol mir-Renju Unit jiġi indirizzat u kkontestat fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari meta jiġi biex jintwera li l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet ġie affettwat; itenni għal darb' oħra li kwalunkwe tnaqqis unilaterali tal-istandards soċjali u tax-xogħol għad-detriment tal-ħaddiema u l-kumpaniji Ewropej irid jiġi indirizzat u rimedjat malajr sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti;

20. Jinnota bi tħassib li rieżami ta' dawn ir-regoli se jsir biss wara erba' snin jew jekk il-miżuri ta' riekwilibriju jkunu ntużaw ta' spiss wisq u jekk id-diverġenza tkun ippersistiet fuq perjodu ta' 12-il xahar; jinsisti li l-Parlament Ewropew u s-sħab soċjali jkunu involuti mill-qrib fil-proċess ta' rieżami;

21. Jistieden lill-Partijiet jinnegozjaw strumenti interpretattivi konġunti addizzjonali biex jiċċaraw il-kapitolu dwar il-kondizzjonijiet ekwivalenti b'mod ġenerali u r-rwol tal-Parlament u tas-sħab soċjali fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu b'mod partikolari, inkluża l-possibilità li s-sħab soċjali jagħmlu lmenti formali lil hinn mis-sottomissjoni ta' *amicus curiae* lill-panel ta' esperti; jitlob, barra minn hekk, riżorsi suffiċjenti u segretarjat permanenti għall-Grupp Konsultattiv Domestiku;

***Mobilità u koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali***

22. Ifakkar li, skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, iċ-ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu fl-UE u ċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fir-Renju Unit kienu koperti u protetti sal-31 ta' Diċembru 2020 mir-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' benefiċċji tal-mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità, benefiċċji ta' invalidità, benefiċċji tax-xjuħija, benefiċċji tas-superstiti, benefiċċji fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali, għotjiet f'każ ta' mewt, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji ta' qabel l-irtirar u l-benefiċċji tal-familja;

23. Jinnota li, skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, id-dispożizzjonijiet attwali għal kura tas-saħħa meħtieġa jew ta' emerġenza, "fil-prinċipju", se jkomplu japplikaw għal soġġorni temporanji fir-Renju Unit u fl-UE;

24. Jilqa' l-fatt li l-mekkaniżmu l-ġdid ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali huwa qrib ir-regoli eżistenti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004; jilqa', b'mod partikolari, il-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali u l-aggregazzjoni tal-perjodi huma salvagwardjati fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

25. Jiddispjaċih, madankollu, dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-kamp ta' applikazzjoni materjali u, b'mod partikolari, dwar il-fatt li l-benefiċċji tal-familja, il-benefiċċji fi flus tal-kura fit-tul u l-benefiċċji mhux kontributorji fi flus u l-esportabilità tal-benefiċċji tal-qgħad mhumiex inklużi;

26. Jiddispjaċih ukoll li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma jipprevedi l-ebda allinjament dinamiku mal-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, speċjalment fil-kuntest tar-reviżjoni attwali tar-Regolamenti 883/2004 u 987/2009; jistieden lill-Partijiet jipprovdu minnufih liċ-ċittadini affettwati minn restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu informazzjoni solida u affidabbli rigward id-drittijiet tagħhom ta' residenza, ta' xogħol u ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali;

27. Jirrikonoxxi li, skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u skont ċerti kondizzjonijiet, il-ħaddiema stazzjonati fir-Renju Unit jew mir-Renju Unit jistgħu jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ospitanti fir-rigward tas-sigurtà soċjali; jenfasizza li dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-bijografija tas-sigurtà soċjali tagħhom; jilqa' f'dan ir-rigward id-dispożizzjoni tranżitorja li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jitolbu, wara notifika lill-Kummissjoni Ewropea, it-tkomplija tas-sistema ta' stazzjonar kif kienet teżisti fil-31 ta' Diċembru 2020 għal perjodu ta' mhux aktar minn 15-il sena;

28. Jinkoraġġixxi applikazzjoni xierqa u konsistenti tal-protokoll ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri biex jiġu ggarantiti l-istess drittijiet għaċ-ċittadini kollha kkonċernati;

*Konklużjoni*

29. Jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, iżda jinsisti li jiġu ppreżentati rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew, speċjalment fir-rigward tal-kwistjoni

tal-kondizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-istandards soċjali u tax-xogħol

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel iddeċieda li jippreżenta opinjoni lill-Kumitati tagħkom fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel eżamina l-kwistjoni u adotta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Jannar 2021. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, iqisu dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-proċedura ta' approvazzjoni.

Dejjem tiegħek,

Pascal Canfin

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

A. wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2020 dwar il-Konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2018/0427(NLE)),

B. wara li kkunsidra l-opinjoni tiegħu tat-8 ta' Mejju 2020 dwar ir-rakkomandazzjonijiet dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (2020/2023(INI)),

C. wara li kkunsidra l-ittra tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar it-tħejjija u r-rispons f'każ ta' "ebda ftehim" fin-negozjati mar-Renju Unit fir-rigward tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel,

D. wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,

*Rimarki ġenerali*

1. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi se jikkostitwixxi komponent essenzjali tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il-Ftehim), u li kwalunkwe ksur ta' dan il-komponent essenzjali minn Parti waħda jagħti lill-Parti l-oħra d-dritt li ttemm jew tissospendi l-Ftehim kollu jew partijiet minnu; jenfasizza li din id-dispożizzjoni għandha tiġi replikata fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha nnegozjati mill-UE;

2. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jippreserva l-garanziji diġà minquxa fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, u b'hekk jiżgura li mhux se jkun hemm kontrolli regolatorji fuq il-merkanzija ttrasportata bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika tal-Irlanda; jilqa', barra minn hekk, il-fatt li l-Ftehim jippreserva l-integrità tas-suq uniku;

3. Ifaħħar il-ħidma tal-Kap tat-Task Force għar-Relazzjonijiet mar-Renju Unit, Michel Barnier, kif ukoll it-Task Force kollha, għall-mod kif in-negozjati twettqu min-naħa tal-UE;

4. Jilqa' l-ftehim milħuq bejn il-Partijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li kien prekundizzjoni biex il-Parlament jikkunsidra li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal kwalunkwe ftehim dwar ir-relazzjoni futura; japprova l-flessibilitajiet temporanji speċifiċi miftiehma mill-Partijiet biex jillimitaw it-tfixkil ikkawżat mill-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq fil-kummerċ bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'ċerti prodotti, inkluża l-provvista ta' mediċini u laħam imkessaħ u prodotti oħra tal-ikel lis-supermarkets; itenni l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lill-kummerċ tal-prodotti bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex tinżamm l-integrità tas-suq uniku, u biex jiġu evitati kemm ir-riskji ambjentali, ta' saħħa pubblika u ta' sikurezza tal-ikel kif ukoll l-iskarsezzi tal-ikel;

5. Jitlob mobilizzazzjoni rapida tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ta' EUR 5 biljun tal-UE biex jiġu mgħejuna s-setturi l-aktar affettwati, li qed ibatu wkoll mill-impatt tal-COVID-19;

6. Jissottolinja l-preċedent inkwetanti li l-proposta tal-abbozz ta' liġi dwar is-Suq Intern tar-Renju Unit tirrappreżenta għall-futur tar-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u r-Renju Unit, u b'mod aktar ġenerali għall-kontribut tar-Renju Unit għaż-żamma tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tkun lesta tagħmel użu sħiħ mill-għodod għas-soluzzjoni tat-tilwim disponibbli kemm fil-Ftehim kif ukoll fil-Ftehim dwar il-Ħruġ fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mill-awtoritajiet tar-Renju Unit; jieħu nota li l-Ftehim jinkludi kapitolu dwar l-aċċess għall-ġustizzja li jipprevedi li l-partijiet ikkonċernati

jkollhom aċċess għall-ġustizzja permezz ta' proċedura tal-ilmenti effettiva u trasparenti f'każ ta' suspett ta' ksur tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ambjentali u l-klawżoli ta' nonrigressjoni; jitlob l-applikazzjoni xierqa ta' dawn id-dispożizzjonijiet;

8. Jenfasizza li l-Parlament għandu jeżerċita skrutinju massimu fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim billi jipparteċipa b'mod attiv fl-Assemblea ta' Sħubija Parlamentari; jenfasizza, barra minn hekk, li l-kumitati tal-Parlament għandhom iżommu lill-Kummissjoni responsabbli għall-parteċipazzjoni tagħha fil-Kunsill ta' Sħubija, fil-Kumitati Speċjalizzati fil-qasam tal-Kummerċ u fil-Gruppi ta' Ħidma; jemmen li l-Parlament għandu jkun involut fi kwalunkwe rieżami futur tal-Ftehim, u li l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel għandu jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu;

9. Jiddispjaċih li l-Parlament ingħata ftit żmien biex jiskrutinizza l-Ftehim b'mod xieraq; jiddispjaċih, barra minn hekk, li l-Ftehim kellu jiġi applikat b'mod provviżorju, għalkemm għal żmien limitat, qabel ma l-Parlament seta' jagħti l-approvazzjoni tiegħu; jissottolinja, barra minn hekk, li ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Brexit m'għandhom bl-ebda mod jirrappreżentaw preċedent għal ftehimiet internazzjonali futuri nnegozjati u konklużi mill-Unjoni; jiddispjaċih li l-aktar ftehim bilaterali importanti sal-lum għall-Unjoni kien ukoll il-ftehim li rċieva l-inqas żmien għall-iskrutinju parlamentari;

10. Jirrikonoxxi li din l-urġenza hija attribwibbli l-aktar għall-istrateġija ta' negozjar tan-naħa tar-Renju Unit, li ddeċidiet li ma titlobx estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni;

***Id-dispożizzjonijiet b'rabta mal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, il-klima u l-ambjent***

11. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jafferma mill-ġdid l-ambizzjoni ta' kull Parti li tinkiseb newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050; jiddispjaċih li l-livell bażi ta' protezzjoni klimatika fir-rigward tal-gassijiet serra huwa, għall-Unjoni, il-mira ta' 40 % tal-ekonomija kollha għall-2030, inkluża s-sistema tal-Unjoni ta' pprezzar tal-karbonju, u għar-Renju Unit, is-sehem tar-Renju Unit fl-ekonomija kollha ta' din il-mira għall-2030, inkluża s-sistema tar-Renju Unit għall-ipprezzar tal-karbonju; jiddeplora l-fatt li l-Partijiet ma qisux il-miri riveduti għall-ekonomija kollha li waslu biex jiġu adottati, u jqis li kellhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet biex jiġu riflessi dawn il-bidliet imminenti u ż-żieda fl-ambizzjoni;

12. Ifakkar li fit-18 ta' Diċembru 2020, is-sottomissjoni dwar il-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-UE u l-Istati Membri tagħha ntbagħtet lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) b'mira aġġornata u msaħħa ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990; jinnota t-tħabbira mill-Gvern tar-Renju Unit, fit-3 ta' Diċembru 2020, ta' NDC rivedut għall-2030 ta' 68 % apparagun tal-livelli tal-1990; jinnota, barra minn hekk, li r-Renju Unit ma jinsabx fit-triq it-tajba biex jissodisfa r-raba' u l-ħames baġit tal-karbonju tiegħu skont is-sett attwali ta' politiki u finanzjament; jilqa' l-fatt li r-Renju Unit ħabbar li sal-2030 se jibda' jipprojbixxi l-bejgħ ta' karozzi ġodda tal-petrol u tad-diżil;

13. Ifakkar, barra minn hekk, li r-Renju Unit ressaq proposti għas-suq tal-karbonju tiegħu

stess, l-ETS tar-Renju Unit (sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet), li għandha tiġi stabbilita fit-tieni kwart tal-2021; jinnota, madankollu, li għadu mhux ċar kemm din is-sistema se tkun qrib l-EU ETS, u jirrimarka li għad hemm mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni prattika, l-ambizzjoni u l-effettività tal-ETS tar-Renju Unit; jissottolinja, barra minn hekk, li l-UE qed tippjana li tkompli ssaħħaħ u tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS tagħha stess; iqis li, jekk jitfaċċaw differenzi sinifikanti bejn iż-żewġ sistemi, dan jista' jwassal għal distorsjoni tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat fl-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera tal-UE – ladarba jkun fis-seħħ;

14. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ċari dwar kif se jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni;

15. Jinnota li l-Ftehim jippermetti l-possibbiltà li l-ETS tar-Renju Unit tiġi konnessa mal-EU ETS; iqis li jekk ir-Renju Unit jitlob li l-ETS tiegħu stess tkun marbuta mal-EU ETS, din it-talba għandha tiġi kkunsidrata biss jekk ikun ċar li l-ETS tar-Renju Unit mhux se timmina l-integrità u l-effettività tal-EU ETS, b'mod partikolari l-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi tagħha;

16. Ifakkar li l-garanzija ta' kontinġenza ("backstop") fil-livell tar-Renju Unit tneħħiet mill-Ftehim dwar il-Ħruġ rivedut, u dan fisser li d-dispożizzjonijiet ambjentali vinkolanti rilevanti wkoll ġew esklużi mill-Ftehim dwar il-Ħruġ; jilqa' l-fatt li l-prinċipji ambjentali tal-UE li ilhom stabbiliti issa ġew inklużi fil-Ftehim, bħall-prinċipju li l-protezzjoni ambjentali għandha tiġi integrata fit-tfassil tal-politika, inkluż permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt, il-prinċipju ta' azzjoni preventiva biex tiġi evitata l-ħsara ambjentali, il-prinċipju li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rettifikata fis-sors, u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas"; jistieden liż-żewġ partijiet jinterpretaw u japplikaw l-"approċċ ta' prekawzjoni" bl-istess mod bħall-"prinċipju ta' prekawzjoni";

17. Jiddispjaċih li l-Ftehim ma jindirizzax il-konformità jew l-allinjament tar-Renju Unit mal-prinċipji tat-tassonomija tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom; jinsab konvint li minħabba r-rwol tar-Renju Unit bħala ċentru ta' finanzjament internazzjonali, se jkun importanti li jiġi żgurat li l-objettivi tat-tassonomija ma jiġux imnaqqra jew imdgħajfa; jinnota li r-Renju Unit qed jippjana li jintroduċi t-tassonomija ekoloġika tiegħu stess, filwaqt li jadotta l-metrika xjentifika mit-tassonomija tal-UE;

18. Jinnota li l-Partijiet qablu li ma jkunx hemm rigressjoni mil-livelli li kienu fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u impenjaw ruħhom li maż-żmien jippruvaw iżidu l-livelli ta' protezzjoni tagħhom; jistieden lill-Partijiet jimmiraw għal allinjament dinamiku tal-miri ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-klima; jinnota li l-mekkaniżmu ta' riekwilibriju huwa limitat għal diverġenzi "sinifikanti" – 'il fuq kif ukoll 'l isfel – li "jaffettwaw materjalment" il-kummerċ jew l-investiment; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi ċarezza dwar l-interpretazzjoni ta' "diverġenzi sinifikanti", u timplimenta b'mod sħiħ l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' infurzar; jemmen li r-rabta mal-"kummerċ u investiment" għandha tiġi interpretata b'mod wiesa'; jistieden lill-Partijiet jiżguraw li l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni jiġu rispettati;

19. Jiddispjaċih, barra minn hekk, dwar l-importanza limitata mogħtija lit-telf tal-bijodiversità bħala sfida ambjentali ewlenija, u li l-ftehim futur globali dwar in-natura għal wara l-2020

ma jissemmiex;

20. Jissottolinja li fil-passat il-Kummissjoni ressqet għadd ta' każijiet ta' ksur kontra r-Renju Unit dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluż dwar il-kwalità tal-arja u tal-ilma, u li kien għad hemm każijiet li kienu għadhom attivi meta r-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea; ifakkar li l-Aġenzija għall-Ambjent tar-Renju Unit qajmet il-prospett ta' revoka tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) u riforma tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE); jissottolinja kif minħabba n-natura transkonfinali tagħhom, id-diverġenzi fil-protezzjoni ambjentali f'dawn l-oqsma jistgħu jheddu l-kwalità tal-arja u tal-ilma fl-UE; jieħu nota tal-ħolqien ippjanat ta' Uffiċċju għall-Protezzjoni Ambjentali (OEP) fl-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq; jinsab imħasseb dwar rapporti li jqajmu dubji dwar l-indipendenza futura tal-OEP, il-kapaċità tiegħu li jieħu azzjoni legali f'każijiet ta' ksur tar-regoli ambjentali, u l-finanzjament tiegħu;

21. Huwa mħasseb ħafna dwar xi wħud mill-politiki ambjentali tar-Renju Unit, bħal pereżempju l-intenzjoni tiegħu li jidderegola l-modifikazzjoni ġenetika, li tista' tirriżulta fid-dħul ta' tali prodotti fl-UE mingħajr kontrolli tas-sikurezza jew tikkettar xieraq;

22. Jenfasizza li bħala pajjiż mhux taż-ŻEE r-Renju Unit m'għadux parti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) jew marbut mill-qafas regolatorju tal-UE għas-sustanzi kimiċi (REACH); jissottolinja li l-qafas regolatorju l-ġdid tar-Renju Unit irid juri l-istess robustezza u trasparenza bħar-REACH; iqis li, aktar milli jwassal għal simplifikazzjoni, il-Brexit jirrappreżenta duplikazzjoni tar-regoli tal-UE u piż li se jwassal għal konsegwenzi negattivi, speċjalment fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fir-Renju Unit; jinnota li l-Ftehim ftit li xejn jiffaċilita l-kummerċ ta' sustanzi kimiċi minbarra li jipprevedi kooperazzjoni regolatorja, impenn għat-trasparenza tal-proċeduri għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi, u impenn favur l-implimentazzjoni tas-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi; jilqa' kwalunkwe negozjati futuri biex tinstab forma eqreb ta' kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tas-sustanzi kimiċi;

***Kwistjonijiet ta' saħħa***

23. Jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tas-saħħa, li jippermettu lill-Partijiet u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw informazzjoni rilevanti, iżda jiddispjaċih li din il-kooperazzjoni ġiet limitata għall-valutazzjoni tar-riskji "sinifikanti" għas-saħħa pubblika, u għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika; jissottolinja li l-pandemija attwali tal-COVID-19 kompliet issaħħaħ il-każ kemm favur kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar kwistjonijiet tas-saħħa kif ukoll kif ukoll favur komunikazzjoni bidirezzjonali strutturata u regolari bejn l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati sabiex ikun hemm reazzjoni aħjar għal sitwazzjonijiet ta' kriżi;

24. Jappoġġa l-arranġamenti ta' faċilitazzjoni inklużi fil-Ftehim biex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' prodotti mediċinali, bħar-rikonoxximent tar-riżultati ta' spezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-Parti l-oħra, peress li dan jevita duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' spezzjonijiet biex tiġi vvalutata l-konformità mar-rekwiżiti ta' prattika tajba ta' manifattura, u l-possibbiltà li kull Parti testendi unilateralment tali rikonoxximent għal faċilitajiet ta' manifattura li jinsabu barra mit-territorju tal-awtorità emittenti skont termini

u kundizzjonijiet speċifiċi;

25. Jiddispjaċih li l-Ftehim ma fihx Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku (MRA) komprensiv dwar ir-regolamenti dwar il-mediċini, peress li dan kien jillimita d-duplikazzjoni ta' ħidma u proċessi regolatorji u relatati mal-kwalità għall-kumpaniji li jikkummerċjalizzaw prodotti fl-UE u fir-Renju Unit; iħeġġeġ lill-awtoritajiet rilevanti fl-UE u fir-Renju Unit ikomplu diskussjonijiet paralleli biex jaqblu dwar MRA fuq l-eżempju ta' ftehimiet eżistenti bejn l-UE u pajjiżi terzi oħra; jiddeplora wkoll il-fatt li l-Ftehim ma jgħid xejn dwar l-apparati mediċi, peress li dan se jfisser l-ebda rikonoxximent reċiproku tal-korpi notifikati, jew taċ-ċertifikati li joħorġu;

26. Jissottolinja li l-Ftehim jipprevedi li r-Renju Unit mhux se jkompli jipparteċipa fil-proċedura ċentralizzata tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-mediċini; jistieden lill-Kummissjoni tkun disponibbli għall-monitoraġġ u d-djalogu kontinwu mal-korpi tar-Renju Unit inkluża l-Aġenzija Regolatorja tal-Mediċini u l-Kura tas-Saħħa (MHRA) tar-Renju Unit;

27. Jenfasizza li, peress li r-Regolamenti dwar it-trasferiment ta' data personali għar-riċerka medika bħalissa huma ssorveljati permezz tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), hija meħtieġa kjarifika ulterjuri dwar l-implimentazzjoni mir-Renju Unit tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-UE dwar il-Provi Kliniċi, l-istandards tal-UE dwar is-sikurezza tad-demm u l-aċċess futur għan-networks tal-UE li jgħinu fid-donazzjoni tal-organi;

***Sigurtà tal-ikel***

28. Jinnota li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Doganali u s-suq intern tal-UE jfisser li ż-żewġ Partijiet se jkollhom reġimi separati li jirregolaw is-saħħa tal-bniedem, tal-pjanti u tal-annimali; jinnota li d-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS) fil-biċċa l-kbira jirriflettu r-regoli tad-WTO f'dawn l-oqsma;

29. Jilqa' l-fatt li mhu se jkun hemm l-ebda tibdil fl-istandards tas-sikurezza tal-ikel tal-UE, u li l-Ftehim għandu l-għan li jissalvagwardja l-istandards għoljin tal-SPS tal-UE; itenni li l-flussi kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit f'merkanzija marbuta b'miżuri SPS se jkunu estremament għoljin, u li l-UE għandu jkollha proċess ta' koordinazzjoni xieraq biex tevita kontrolli diverġenti fuq merkanzija li tkun ġejja mir-Renju Unit fil-portijiet tal-UE;

30. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jinkludi l-prinċipju ta' reġjonalizzazzjoni, il-proċedura għall-elenkar ta' stabbilimenti approvati, u għadd ta' miżuri mmirati biex jillimitaw il-proċeduri ta' importazzjoni SPS fejn possibbli, filwaqt li jinżammu standards sanitarji stretti; iqis li l-kontrolli fuq l-importazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju SPS assoċjat ma' tali importazzjonijiet, iżda jilqa' l-fatt li l-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità tista' titnaqqas biex jitqies il-livell ta' konverġenza tar-regoli SPS tal-Partijiet;

31. Jiddispjaċih li ma hemm l-ebda referenza speċifika għas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) fil-Ftehim;

32. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jipprevedi qafas għal djalogu u kooperazzjoni bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel iqis li huwa ta' importanza kbira li l-fehmiet u t-tħassib tiegħu jiġu nnotati u indirizzati debitament, u għalhekk jitlob lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex iqisu l-pożizzjoni tiegħu kif stabbilita hawn fuq.

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli biex jirrakkomandaw li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitati tagħkom.

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Jannar 2021. Wara proċedura bil-miktub bl-involviment tal-koordinaturi tiegħu, konkluża fid-29 ta' Jannar 2021, il-Kumitat iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jehmżu l-opinjoni li ġejja mar-rakkomandazzjoni ta' approvazzjoni.

Dejjem tiegħek,

Cristian-Silviu Buşoi

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jehmżu l-opinjoni li ġejja mar-rakkomandazzjoni ta' approvazzjoni:

1. Jilqa' l-fatt li ftehim dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit għadu jista' jintlaħaq qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; jiddispjaċih ħafna, madankollu, li ż-żmien għall-iskrutinju parlamentari huwa estremament qasir minħabba l-fatt li l-ftehim

wasal tard, u li l-applikazzjoni proviżorja tiegħu kienet limitata u se tiskadi fl-aħħar ta' Frar 2021;

2. Jappoġġja b'mod ġenerali l-ftehimiet milħuqa u jenfasizza l-bżonn ta' viġilanza kontinwa fir-rigward tar-rispett sħiħ tal-klawżoli ta' nonregressjoni; jenfasizza, madankollu, li għad hemm ħafna dettalji x'jiġu definiti fil-Kunsill ta' Sħubija u l-kumitati speċjalizzati tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Parlament u l-kumitati speċjalizzati tiegħu jinżammu infurmati u involuti b'mod adegwat minn stadju bikri fix-xogħol tal-Kunsill ta' Sħubija u l-kumitati tiegħu; jitlob ukoll struttura permanenti biex jiġi żgurat l-involviment tal-Parlament f'kull rieżami regolari tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni;

3 Jesprimi tħassib dwar ir-rwol awtonomu li l-Kunsill ta' Sħubija se jkollu mhux biss fir-rieżami, iżda anke fl-emendar tal-Ftehim fir-rigward tal-parteċipazzjoni futura fil-programmi tal-UE, fosthom Orizzont Ewropa u programmi oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ITRE; jitlob, għalhekk, li jiġi konkluż ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni biex jiġi żgurat li kwalunkwe deċiżjoni adottata fil-Kunsill ta' Sħubija fir-rigward tal-parteċipazzjoni futura fil-programmi tal-Unjoni tittieħed biss wara li jinkiseb appoġġ mill-Parlament;

***Riċerka***

4. Jilqa' l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea mar-Renju Unit fl-oqsma tax-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni; jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġjata l-mobilità tar-riċerkaturi biex jiġi żgurat li l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament; jiddeplora, madankollu, il-parteċipazzjoni selettiva tar-Renju Unit f'dan il-qasam; iqis li l-programm Erasmus+ huwa parti indispensabbli mis-sistema edukattiva Ewropea, li tħarreġ riċerkaturi eċċellenti u toffri opportunitajiet uniċi għar-riċerkaturi; jinnota li l-benefiċċji ta' Orizzont Ewropa ma jistgħux jeżistu mingħajr edukazzjoni eċċellenti; jemmen, għalhekk, li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'Orizzont Ewropa għandha timxi id f'id mal-parteċipazzjoni fl-Erasmus+, u li għandhom isiru aktar sforzi biex nikkonvinċu lir-Renju Unit jipparteċipa fl-Erasmus+ ukoll; jemmen li l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fiż-żewġ programmi tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet u tkompli tikkontribwixxi għas-suċċess tal-Ewropa fix-xjenza u t-teknoloġija;

5. Jilqa' l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit f'Orizzont Ewropa; jenfasizza li din hi assoċjazzjoni storika, billi qatt qabel ma kien hemm assoċjazzjoni li kellha implikazzjonijiet baġitarji daqstant importanti għall-Unjoni; ifakkar li l-kundizzjonijiet rilevanti għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi stabbiliti fil-programmi korrispondenti jistabbilixxu l-bażi għan-negozjati dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi; jenfasizza li fil-passat ġew konklużi ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, wara proċedura ta' approvazzjoni; jitlob, għalhekk, skrutinju parlamentari sħiħ, inkluża l-approvazzjoni tal-Parlament qabel l-adozzjoni tal-Protokoll I ("Programmi u attivitajiet li fihom jipparteċipa r-Renju Unit");

6. Iħeġġeġ lir-Renju Unit u lill-Kummissjoni jkomplu d-djalogu bil-għan li jistabbilixxu qafas effikaċi għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali;

*Spazju*

7. Jilqa' l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-komponent Copernicus tal-Programm Spazjali tal-UE, u l-fatt li utenti mir-Renju Unit jistgħu jkomplu jaċċedu għas-servizzi ta' sorveljanza u insegwiment fl-ispazju tal-UE; jemmen li l-UE u r-Renju Unit għandhom jikkooperaw mill-qrib fil-qasam tal-ispazju; jinnota, f'dan ir-rigward, li r-Renju Unit jista' jipparteċipa f'komponenti oħra tal-Programm Spazjali, abbażi ta' ftehimiet simili ma' pajjiżi terzi soġġetti għal negozjati għal kull programm jew komponent, u b'bilanċ xieraq bejn l-obbligi u d-drittijiet, filwaqt li tiġi rispettata l-awtonomija strateġika tal-UE fis-settur spazjali;

*Industrija u SMEs*

8. Jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ekwivalenti għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u żvilupp sostenibbli, li għandhom l-għan li jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għall-industriji Ewropej; jilqa' d-dispożizzjonijiet speċjali għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li għandhom l-għan li jtejbu l-kapaċità tagħhom li jieħdu vantaġġ sħiħ mid-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim, bħall-ħolqien ta' punti ta' kuntatt dedikati għall-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibqa' tosserva b'attenzjoni l-protezzjoni tal-ktajjen tal-provvista tal-industrija Ewropea mill-effetti diretti u indiretti tal-Brexit; jitlob, b'mod partikolari, assistenza lill-SMEs integrati fil-ktajjen tal-valur ta' kumpaniji kbar matul dan il-proċess ta' tranżizzjoni;

9. Jenfasizza l-importanza li jiġu evitati inċertezzi regolatorji, piżijiet amministrattivi u kumplessitajiet proċedurali, partikolarment fir-rigward tas-soluzzjoni tat-tilwim, iż-żieda fir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni u l-ittestjar biex jintlaħqu l-istandards tal-UE tar-Renju Unit, li se jżid il-kumplessità u l-ispejjeż; jistieden għalhekk lill-Kunsill ta' Sħubija jissorvelja mill-qrib ir-riskji ta' dumping, kif ukoll il-piż amministrattiv għan-negozji u l-komunitajiet tal-enerġija u r-riċerka, u jiżgura li l-formalitajiet fl-esportazzjoni ta' prodotti u l-għoti ta' servizzi jitnaqqsu kemm jista' jkun; jinsab imħasseb, madankollu, li l-SMEs se jsibu diffikultajiet biex iġibu ruħhom konformi f'qasir żmien mar-regoli l-ġodda, u jemmen li hemm bżonn isir aktar biex l-SMEs jiġu megħjuna f'dan ir-rigward;

10. Jilqa', b'mod partikolari, il-garanziji dwar il-ħarsien tal-ambjent, minbarra d-dispożizzjonijiet ta' nonregressjoni applikabbli għall-ambjent, il-klima u l-protezzjoni tal-ħaddiema; jenfasizza li dawn għandhom jiġu sorveljati u rispettati sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-Partijiet fil-futur, u biex jiġi evitat li n-negozji jirrilokaw l-attivitajiet tagħhom lejn territorju bi spejjeż ta' produzzjoni aktar baxxi minħabba regoli ambjentali jew standards soċjali laxki, u b'hekk titnaqqas il-kompetittività ta' xi waħda mill-Partijiet;

*ICT*

11. Jappoġġja l-ftehim milħuq dwar il-forniment ta' networks u servizzi tat-telekomunikazzjoni, li fil-biċċa l-kbira jissalvagwardja l-acquis eżistenti; jiddispjaċih, madankollu, li ma setax jintlaħaq qbil dwar it-traspożizzjoni tar-Regolament dwar ir-roaming; jistieden lill-operaturi tat-telefonija mobbli jkomplu japplikaw il-prinċipju ta'

"roam like at home" kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit;

12. Jenfasizza l-importanza tal-fluss liberu tad-data kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji; jilqa', għalhekk, id-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-flussi transfruntiera tad-data biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ fl-ekonomija diġitali filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-acquis tal-UE; jenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni intensa biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tad-data; jenfasizza l-bżonn li jiġi strutturat djalogu regolari dwar l-isfidi u l-opportunitajiet tal-intelliġenza artifiċjali; jitlob monitoraġġ regolari ta' dawn id-dispożizzjonijiet minħabba ambjent teknoloġiku u regolatorju li qed jevolvi malajr, u jistieden lill-Kunsill ta' Sħubija jiżgura l-allinjament kontinwu tar-Renju Unit mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR);

13. Jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà li jipprevedu djalogu regolari bejn l-UE u r-Renju Unit, skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn l-iskwadri ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (CERTs), il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'attivitajiet speċifiċi tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-Networks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni (NIS), u l-kooperazzjoni tar-Renju Unit mal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), u jinnota l-bżonn ta' aktar kooperazzjoni f'dan il-qasam;

***Enerġija***

14. Jinnota li l-kapitolu dwar l-enerġija jiskadi fil-30 ta' Ġunju 2026, sakemm l-UE u r-Renju Unit ma jaqblux li jestendu l-arranġament fuq bażi annwali; jissottolinja l-bżonn li l-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-enerġija tkompli lil hinn minn dik id-data, kemm minħabba l-interkonnessjoni taż-żewġ swieq tal-enerġija u kemm minħabba l-fatt li l-Irlanda ta' Fuq se tibqa' fis-suq intern tal-enerġija tal-UE; jitlob li l-Parlament Ewropew ikollu rwol b'saħħtu fid-deċiżjoni dwar din l-estensjoni;

15. Jitlob li l-proġetti ta' interess komuni (PCIs) u l-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (il-linji gwida TEN-E) iqisu l-isfidi speċifiċi li qed tiffaċċja l-Irlanda;

16. Jistieden lir-Renju Unit ifittex arranġamenti ta' kooperazzjoni man-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku u tal-Gass (ENTSO-E u ENTSO-G) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER); jistieden lill-Kummissjoni timplimenta prattika ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, anke bil-għan li tiġi evitata żieda fil-prezzijiet finali tal-enerġija;

17. Jilqa' l-integrazzjoni ta' xi prinċipji tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-UE fil-Ftehim; jenfasizza li l-inklużjoni tal-prinċipji ewlenin kollha tkun ta' benefiċċju reċiproku għal kull kooperazzjoni fil-futur; jitlob, barra minn hekk, li l-proġetti li għaddejjin fil-qasam tal-enerġija jitkomplew;

18. Jinkoraġġixxi – billi jqisha essenzjali – sforzi biex tinħoloq rabta bejn l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet u l-iskema domestika futura tar-Renju Unit  sabiex issir ħidma konġunta fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiġi rispettat il-Ftehim ta' Pariġi;

19. Jitlob memorandum ta' qbil, ibbażat fuq il-qafas tal-Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC), li jinkludi mill-inqas proġetti konġunti, l-

ippjanar tal-ispazju marittimu, l-integrazzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta fis-swieq tal-enerġija, inklużi l-aħjar prattiki fl-ippjanar tal-grilja fuq il-baħar u fuq l-art ta' kull parti, qafas ta' appoġġ u finanzjament, bi skrutinju adegwat miż-żewġ partijiet;

20. Jinnota l-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit għall-kooperazzjoni dwar l-użi sikuri u paċifiċi tal-enerġija nukleari u jiddispjaċih li dan mhuwiex parti mill-proċedura ta' approvazzjoni peress li t-Trattat Euratom ma jipprevedix rwol għall-Parlament Ewropew; jinkoraġġixxi l-adozzjoni rapida tal-Protokoll I ["Programmi u attivitajiet li fihom jipparteċipa r-Renju Unit"], li jippermetti l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-attivitajiet tal-ITER bħala pajjiż terz assoċjat fil-Fużjoni għall-Enerġija;

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija għalhekk jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jirrakkomandaw li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 – C9-0432/2020 – 2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Jannar 2021. Matul din il-laqgħa[1], iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom ta' hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Anna Cavazzini (President, rapporteur għal opinjoni), Andrus Ansip (Viċi President), Maria Grapini (Viċi President), Maria-Manuel Leitão-Marques (Viċi President), Adam Bielan, Carlo Fidanza, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek, Alessandra Basso, Markus Buchheit, Miroslav Radačovský, Marco Zullo, Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Christian Doleschal, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Dan-Ştefan Motreanu, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Edina Tóth, Vlad-Marius Botoş, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Christel Schaldemose, Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak, Hynek Blaško, Virginie Joron u Jean-Lin Lacapelle.

Anna Cavazzini
President

## SUĠĠERIMENTI

1. Iqis li s-suq intern huwa waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni, kien estremament vantaġġjuż għall-ekonomiji tal-partijiet kollha u ħoloq bażi biex titjieb il-kwalità ta' ħajjet iċ-ċittadini; jisħaq li din l-era l-ġdida ta' sħubija ekonomika għandha tkun orjentata lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet reċiprokament vantaġġjużi u bl-ebda mod ma għandha tirriżulta f'regressjoni f'dawk li huma integrità u funzjonament tas-suq intern u tal-unjoni doganali; jissottolinja, f'dan il-kuntest, li l-pajjiżi terzi ma jistgħux ikollhom l-istess drittijiet u jgawdu mill-istess vantaġġi tal-Istati Membri u li għandhom ikunu evitati kemm jista' jkun distorsjonijiet fil-kummerċ ta' prodotti u servizzi, kompetizzjoni żleali u kundizzjonijiet ta' disparità fit-termini tal-ftehim; jirrikonoxxi li l-estensjoni tal-aġevolazzjonijiet mogħtija lill-operaturi ekonomiċi awtorizzati tirrappreżenta soluzzjoni adegwata biex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kummerċ;

2. Isostni li sistema soda ta' sorveljanza tas-suq u ta' kontroll doganali u livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-UE, permezz ta' sorveljanza effikaċi tas-suq, it-traċċabbiltà tal-prodotti, is-sikurezza tal-prodotti, standards ta' kwalità għolja u mekkaniżmi ta' eżekuzzjoni, huma elementi fundamentali biex jitħarsu s-suq intern u ċ-ċittadini tal-Unjoni; iqis li hemm bżonn li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwim previsti mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim jaħdmu b'mod effikaċi u awtomatiku u jiġu eżegwiti malajr, b'tali mod li jikkostitwixxu deterrent reali kontra d-devjazzjonijiet tal-ftehim;

3. Jenfasizza l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u b'mod partikolari tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, hija tal-akbar importanza għall-integrità tas-suq intern u tal-unjoni doganali, li huma ambiti ta' kompetenza tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-ftehim trid titqies wieħed mill-pedamenti tar-relazzjonijiet futuri mar-Renju Unit, kif ukoll parti integrali tar-relazzjonijiet il-ġodda bejn l-UE u r-Renju Unit, li għaldaqstant għandha tiġi immonitorjata, ikkontrollata b'attenzjoni u eżegwita korrettament;

4. Iqis li hu ta' importanza kruċjali li jkun hemm ċarezza dwar is-sistema għad-determinazzjoni tal-merkanzija li tinsab f'riskju li tiġi impurtata fl-Unjoni, kif ukoll li jkun garantit li l-aġenti tal-Unjoni inkarigati li jivverifikaw ir-rispett tal-obbligi ta' konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fis-setturi tad-dwana, tas-sigurtà u tas-sikurezza, u tas-sorveljanza tas-suq ikollhom aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni neċessarja u għall-postijiet fiżiċi, biex ikunu jistgħu jaqdu dmirijiethom;

5. Jissottolinja għaldaqstant li r-rispett tal-protokoll għandu jitqies parti integrali tal-kundizzjonijiet biex jittieħed benefiċċju mill-aġevolazzjonijiet previsti mill-ftehim dwar ir-relazzjonijiet futuri, u li n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi min-naħa tal-partijiet stabbiliti mill-protokoll għandu jitqies raġuni għall-attivazzjoni tal-proċedura ta' arbitraġġ u, meta jkun il-każ, il-mekkaniżmu ta' riekwilibriju li jippermetti lil kull waħda mill-partijiet timponi miżuri ta' rimedju biex tikkoreġi sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ inġust għad-dannu tal-impriżi jew taċ-ċittadini tagħhom;

6. Josserva li l-kummerċ fis-settur tas-servizzi jirrappreżenta kontribut essenzjali għall-ekonomija Ewropea, u jirrikonoxxi li nstabu soluzzjonijiet xierqa dwar il-kummerċ fis-

settur tas-servizzi bejn l-UE u r-Renju Unit, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali skont ir-regoli tal-pajjiż ospitanti li jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-UE jiġu ttrattati b'mod mhux diskriminatorju; jirrikonoxxi li s-soluzzjonijiet joffru qafas ċar dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, li jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament inkwantu jissalvagwardja l-awtonomija regolatorja tal-UE f'dan il-qasam; jilqa' pożittivament il-possibbiltà li jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kunsill ta' Sħubija, li jistgħu jservu ta' bażi ta' arranġamenti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għal professjonijiet speċifiċi mingħajr ma jitbaxxew il-livelli nazzjonali tal-edukazzjoni; jemmen b'konvinzjoni li l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għandha tkun rispettata bis-sħiħ fil-futur u għalhekk għandha tiġi evitata l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki bejn Stati Membri individwali u r-Renju Unit;

7. Jesprimi kosternazzjoni għall-fatt li l-konklużjoni estremament tard tal-ftehim ħolqot inċertezza kbira għall-konsumaturi u għall-impriżi fi ħdan is-suq intern tal-UE u fir-Renju Uniti, u dan kellu riperkussjonijiet negattivi fuq l-attività ta' skrutinju tal-Parlament; jinsisti fuq il-fatt li l-uniku mod biex jiġi garantit il-ksib tal-objettivi tal-ftehim huwa li jiġu żgurati l-implimentazzjoni sħiħa u l-eżekuzzjoni effettiva tal-ftehim stess, u jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tal-Parlament fil-monitoraġġ ta' din l-implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod sod u ċar fil-konfront tal-Parlament biex tiżgura kooperazzjoni effikaċi mal-Parlament u l-involviment attiv tiegħu fir-rigward tal-iskrutinju u s-superviżjoni, kif ukoll biex tforni informazzjoni fil-pront u eżawrjenti dwar l-implimentazzjoni u l-adattament potenzjali tal-ftehim; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tiżgura li l-Parlament jirċievi informazzjoni adegwata u f'ħin utli qabel u wara l-laqgħat rilevanti tal-Kunsill ta' Sħubija kif ukoll dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja;

8. Jissottolinja li, fil-proċess ta' implimentazzjoni, ikun tajjeb li l-UE tagħti attenzjoni partikolari lill-konformità tal-kontrolli doganali li jsiru qabel ma l-merkanzija tidħol fis-suq intern (li tkun ġejja mir-Renju Unit jew minn pajjiżi terzi oħra fi tranżitu mir-Renju Unit), kif previst fil-ftehim, u jinsisti fuq il-fatt li huwa tal-akbar importanza li tiġi garantita l-konformità tal-merkanzija mar-regoli tas-suq intern; jisħaq fuq il-bżonn ta' investimenti akbar fil-faċilitajiet tal-kontroll doganali u ta' koordinament ulterjuri u skambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet, biex ikun evitat kemm jista' jkun tfixkil tal-kummerċ u tiġi salvagwardjata l-integrità tal-unjoni doganali, fl-interess tal-konsumaturi u tal-impriżi; iqis li hija assolutament neċessarja kooperazzjoni armonjuża bejn l-awtoritajiet doganali u dawk inkarigati mis-sorveljanza tas-suq u jqajjem tħassib, b'mod partikolari, dwar il-kapaċità operattiva neċessarja tal-uffiċċju tal-UE f'Belfast;

9. Jinnota, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ftehim dwar il-kummerċ diġitali, li hu importanti li tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim transfruntier fil-kummerċ online, u li l-konsumaturi li jixtru online għandhom ikunu infurmati b'mod adegwat dwar kwalunkwe drittijiet u dazji doganali addizzjonali li jaf ikollhom iħallsu jekk jixtru minn negozjant tar-Renju Unit; jittama li r-Renju Unit se jkompli jirrispetta l-istandards tal-UE fil-qasam tad-data u li nistgħu nkomplu nqisu li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għad-data li toriġina mill-Unjoni;

10. Iqis li l-arranġamenti dwar l-akkwist pubbliku li ntlaħqu fil-ftehim jistgħu jiggarantixxu d-dispożizzjonijiet neċessarji ta' reċiproċità u nondiskriminazzjoni fl-interess tal-impriżi

u tal-konsumaturi tal-UE;

11. Josserva li, fid-dawl tal-ekonomija tal-gżira kollha tal-Irlanda, it-tariffi tar-roaming jistgħu jkollhom riperkussjonijiet negattivi konsiderevoli fiż-żoni tal-konfini;

12. Jinnota li l-ftehim ma jinkludix dispożizzjoni ta' allinjament dinamiku, li setgħet tikkontribwixxi biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti fis-setturi tal-protezzjoni tal-konsumaturi, tal-istandards sostenibbli u tar-regoli ta' kompetizzjoni; jilqa', madankollu, b'sodisfazzjon il-klawżola ta' nonregressjoni tal-ftehim, speċjalment fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur, iżda anki fl-oqsma rilevanti l-oħra, kif ukoll il-miżuri unilaterali ta' riekwilibriju li jkunu utli f'każ ta' diverġenzi sinifikanti f'oqsma li fihom tali diverġenzi għandhom impatt konkret fuq il-kummerċ jew l-investimenti; jisħaq fuq l-importanza li l-UE tiġi protetta minn diverġenzi regolatorji potenzjali min-naħa tar-Renju Unit fil-futur;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-mod kif jistgħu jiġu evitati vantaġġi kompetittivi żleali dovuti għaż-żieda progressiva tad-differenzi bejn l-iskemi regolatorji u tiggarantixxi l-iżvilupp kontinwu ta' standards tal-UE aktar rigorużi, pereżempju fil-każ tad-drittijiet tal-konsumaturi marbuta mad-diġitalizzazzjoni u mas-sostenibbiltà; jitlob eżekuzzjoni rapida, effikaċi u ekwa tas-soluzzjoni tat-tilwim u tal-miżuri ta' rimedju biex tkun salvagwardjata l-integrità tas-suq intern u tiġi garantita kompetizzjoni libera u ġusta li ma tikkompromettix il-kwalità għolja tal-istandards tal-UE u l-ħarsien tal-konsumatur, bil-għan li jiġu żgurati rekwiżiti amministrattivi adegwati u proporzjonati għall-konsumaturi u għall-impriżi, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

14. Josserva li d-drawwiet tal-konsumaturi u l-fiduċja tagħhom fix-xiri transfruntier diġà ntlaqtu ħażin mill-inċertezza dwar ir-regoli applikabbli u jistieden lill-Gvern tar-Renju Unit, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw malajr il-miżuri previsti fil-ftehim għall-ħarsien tal-konsumatur kif ukoll isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit fuq diversi politiki settorjali relatati mal-metodi ta' produzzjoni sostenibbli u mas-sikurezza tal-prodotti; jitlob trasparenza tul il-katina ta' provvista tal-prodotti/tas-servizzi, għall-ġid tal-konsumaturi, u jiddikjara li l-prezzijiet li jirriflettu l-kostijiet totali tax-xirja, inklużi t-taxxi u d-dazji kollha applikabbli, u ċ-ċarezza dwar id-drittijiet tal-konsumaturi applikabbli huma fundamentali biex ikun evitat tweġħir u titrawwem il-fiduċja tal-konsumaturi meta jixtru lill hinn mill-konfini.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu ddeċieda li jitlob l-applikazzjoni tal-Artikolu 56(1) sabiex jippreżenta opinjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali fil-forma ta' din l-ittra.

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jixtieq jagħmel ir-rimarki li ġejjin:

### SUĠĠERIMENTI

1. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (il- "Ftehim") se jipprovdi konnettività kontinwa u bla xkiel għat-trasport bl-ajru, bit-triq u bil-baħar u se jiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tat-trasport tal-UE u tar-Renju Unit; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Ftehim jistabbilixxi aċċess reċiproku għas-suq u regoli u standards komuni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, u jiżgura livell għoli ta' sikurezza fit-trasport, id-drittijiet tal-ħaddiema u tal-passiġġieri u l-protezzjoni ambjentali f'dawk l-oqsma; jilqa' wkoll il-fatt li l-Ftehim jiżgura l-konnettività filwaqt li ma jagħtix lir-Renju Unit l-istess livell ta' drittijiet bħal dak offrut mis-suq uniku;

2. Jissottolinja li l-UE għandha tibqa' viġilanti dwar il-fatt li r-Renju Unit ma impenjax ruħu għall-allinjament dinamiku tar-regoli tiegħu f'diversi oqsma ta' politika; jirrimarka li dan ifisser li l-issikkar unilaterali tar-regoli u tal-istandards fl-UE mhux se jwassal awtomatikament għall-allinjament tar-regoli u l-istandards korrispondenti tar-Renju Unit;

3. Jilqa' l-kapitolu komprensiv dwar it-trasport bl-ajru inkluż fil-Ftehim, li għandu jiżgura li l-interessi strateġiċi tal-UE jkunu protetti, u li fih dispożizzjonijiet xierqa dwar l-aċċess għas-suq, id-drittijiet tat-traffiku, il-kondiviżjoni tal-kodiċijiet u d-drittijiet tal-

passiġġieri; jilqa' d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kundizzjonijiet ekwi fil-kapitolu dwar l-avjazzjoni, li se jiżguraw li t-trasportaturi tal-ajru tal-UE u tar-Renju Unit jikkompetu fuq l-istess livell; jinnota s-soluzzjoni li nstabet għar-regoli dwar is-sjieda u l-kontroll, li jirregolaw l-aċċess għas-suq intern filwaqt li jħallu miftuħa l-possibilità li fil-futur titkompla l-liberalizzazzjoni;

4. Jilqa' l-kapitolu speċifiku dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni; jinnota li t-test maqbul jinkludi kooperazzjoni mill-qrib fis-sikurezza tal-avjazzjoni u fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru; iqis li tali kooperazzjoni m'għandhiex tillimita lill-UE fid-determinazzjoni tal-livell ta' protezzjoni li hija tqis bħala xieraq għas-sikurezza; jissottolinja l-importanza tal-kollaborazzjoni mill-qrib futura bejn l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Renju Unit u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea;

5. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim se jiżgura konnettività mingħajr kwoti bejn l-UE u r-Renju Unit għat-trasportaturi tat-trasport bit-triq u li se jiggarantixxi drittijiet sħaħ ta' tranżitu għaż-żewġ partijiet fit-territorji ta' xulxin, l-hekk imsejjaħ "pont tal-art"; jilqa' l-kundizzjonijiet ekwi b'saħħithom miksuba fin-negozjati għat-trasport bit-triq u d-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom, li se jorbtu lir-Renju Unit mal-istandards għoljin tal-UE applikabbli għas-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-Ftehim jinkludi inter alia standards dwar l-aċċess għall-professjoni, l-istazzjonar ta' sewwieqa, il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, it-takografi u l-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi; jinnota li tali standards mhux biss se jiżguraw kompetizzjoni ġusta, iżda se jiggarantixxu wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għax-xufiera u livell għoli ta' sikurezza fit-toroq; jilqa' d-dispożizzjonijiet speċjali relatati mal-Irlanda ta' Fuq, adottati b'rikonoxximent tas-sitwazzjoni unika tal-Irlanda, li se jimminimizzaw it-tfixkil fl-ekonomija fil-gżira tal-Irlanda;

6. Jinnota li t-trasport tal-passiġġieri bit-triq għandu jkun kopert provviżorjament mill-ftehim Interbus (li jkopri biss servizzi okkażjonali), u se jissalvagwardja d-drittijiet tal-passiġġieri u jiżgura livell għoli ta' sikurezza; jenfasizza, għalhekk, li l-Protokoll għall-Ftehim Interbus li jkopri servizzi regolari u speċjali tat-trasport regolari tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank għandu jiġi konkluż mill-aktar fis possibbli sabiex jiġi evitat tfixkil potenzjali tal-konnettività bejn l-UE u r-Renju Unit;

7. Jinnota li, filwaqt li l-ftehim ma jkoprix lill-ferroviji, ittieħdu l-passi xierqa fuq bażi bilaterali bejn Franza u r-Renju Unit biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika tal-Mina taħt il-Kanal Ingliż; iqis li ġie stabbilit reġim temporanju xieraq ta' sikurezza u awtorizzazzjoni, wara l-adozzjoni ta' miżuri ta' kontinġenza fi tmiem l-2020[1];

8. Jenfasizza l-ħtieġa li titkompla l-kooperazzjoni mar-Renju Unit bil-għan li tiżdied is-sostenibbiltà tat-trasport;

9. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim jiżgura aċċess reċiproku u ugwali għas-suq għas-settur tat-

---

[1]Ir-Regolament (UE) 2020/2222 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 dwar ċerti aspetti ta' sikurezza u konnettività tal-infrastruttura ferrovjarja fir-rigward tal-infrastruttura transfruntiera li tgħaqqad l-Unjoni mar-Renju Unit permezz taċ-Channel Fixed Link (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 43).
Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1531 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2020 li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link (ĠU L 352, 22.10.2020, p. 4).

trasport marittimu internazzjonali, b'kundizzjonijiet ekwi xierqa fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà, ambjentali u soċjali, għall-portijiet tal-UE u tar-Renju Unit, mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards għoljin eżistenti tal-UE f'dawn l-oqsma; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati kontrolli doganali effiċjenti u operazzjonijiet ta' esportazzjoni u importazzjoni bla xkiel bejn il-portijiet tal-UE u tar-Renju Unit, mingħajr ma jinħoloq tfixkil fil-konnessjonijiet kummerċjali tat-trasport u mingħajr ma tiġi mfixkla l-kompetittività tal-flotta tal-UE;

10. Jissottolinja l-importanza tas-sħubijiet bejn l-UE u r-Renju Unit dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-mezzi kollha tat-trasport u jilqa' l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi proġetti tat-trasport transfruntier ta' interess komuni bbażati fuq ir-reċiproċità, inkluża t-tkomplija tal-kooperazzjoni fil-qafas tan-network TEN-T u l-isforzi biex tinħoloq interoperabbiltà tul il-kurituri kollha, pereżempju f'termini tal-implimentazzjoni bla xkiel ta' fjuwils alternattivi u infrastruttura tal-iċċarġjar;

11. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim; jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment tal-Kumitati Speċjalizzati fil-qasam tat-trasport, partikolarment dawk għat-trasport bl-ajru, is-sikurezza tal-avjazzjoni u t-trasport bit-triq, biex jimmonitorjaw u jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi struttura dedikata li tippermetti lis-sħab soċjali jkunu involuti fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, u tagħtihom il-possibbiltà li jressqu lmenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun lesta tagħmel użu sħiħ mill-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim u tieħu miżuri ta' rimedju previsti fil-ftehim fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mir-Renju Unit; jenfasizza li, fil-futur, il-Parlament għandu jeżerċita l-ogħla livell ta' skrutinju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz tal-parteċipazzjoni attiva u kontinwa tiegħu fl-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija stabbilita mill-Ftehim.

B'kunsiderazzjoni tal-kummenti ta' hawn fuq, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jirrakkomanda lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għall-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

Dejjem tiegħek,

((iffirmata)) [Karima Delli] [Johan Danielsson]

CC: D. Sassoli, President
A. Tajani, President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati
Koordinazzjoni Leġiżlattiva

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 – 2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitati rispettivi tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2021, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali adotta din l-opinjoni fil-forma ta' ittra (rapporteur: Pascal Arimont), b'37 vot favur, 0 kontra u 2 astensjonijiet.

* * *

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jilqa' l-fatt li ntlaħaq ftehim dwar ir-relazzjoni futura mar-Renju Unit fl-24 ta' Diċembru 2020, biex b'hekk jiġu evitati l-problemi addizzjonali li kienu jiġu kkawżati min-nuqqas ta' ftehim. Madankollu, huwa jiddispjaċih għall-fatt li r-rabtiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit ser ikunu relattivament dgħajfa, inkluż fil-qasam ewlieni tal-iżvilupp reġjonali.

Għalkemm dawn ir-rabtiet se jkunu aktar laxki minn dawk li l-UE għandha ma' ċerti pajjiżi assoċjati, huwa ċar li d-dannu ekonomiku u soċjali jkun akbar jekk dan il-ftehim ma jiġix konkluż. Flimkien mal-fatt li l-libertà regolatorja tal-UE tinżamm għal kollox, din hija raġuni suffiċjenti biex tiġi appoġġjata r-ratifika tal-ftehim.

Madankollu, huwa importanti li l-Kummissjoni għandha tinvolvi lill-Parlament Ewropew, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, fil-proċessi ta' skrutinju u monitoraġġ relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim. F'dan il-kuntest, huwa partikolarment importanti li ma jitbaxxewx l-istandards tax-xogħol, soċjali u ambjentali fuq iż-żewġ naħat.

Ir-rwol importanti tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni fil-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali huwa evidenti. Huwa fatt rikonoxxut li ċerti reġjuni tar-Renju Unit kienu

benefiċjarji ewlenin tal-politika ta' koeżjoni matul is-snin. Filwaqt li r-Renju Unit sfortunatament iddeċieda li ma jipparteċipax fil-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni b'mod ġenerali, il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprovdi qafas ġenerali għall-parteċipazzjoni futura tar-Renju Unit fil-programmi tal-Unjoni.

Ir-Renju Unit, madankollu, qed ikompli jipparteċipa fil-Programm PEACE+, li huwa parti minn Interreg. Dan il-kumitat enfasizza bosta drabi li dan il-programm huwa ta' importanza ewlenija għall-proċess ta' paċi u għall-komunitajiet fl-Irlanda ta' Fuq, u ma jridx jisfa vittma tal-proċess tal-Brexit[1]. Għalhekk huwa jilqa' l-fatt li l-kontinwazzjoni tiegħu hija żgurata b'finanzjament miż-żewġ naħat.

Il-kumitat jappella għal riflessjoni futura dwar parteċipazzjoni usa' possibbli mir-Renju Unit fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni, fi ħdan il-qafas maħluq minn dan il-ftehim. B'mod partikolari, tista' ssir dispożizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' partijiet mir-Renju Unit għajr l-Irlanda ta' Fuq fl-Interreg. Pereżempju, fid-dokument ta' pożizzjoni tiegħu dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni ta' April 2018, il-Gvern tar-Renju Unit ippreveda kontinwazzjoni usa' tal-finanzjament Interreg fir-Renju Unit (flimkien ma' PEACE+). Ikun fl-interessi reċiproċi tal-UE u tar-Renju Unit li r-Renju Unit jipparteċipa fl-objettivi u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

Barra minn hekk, il-kumitat jinnota li l-Gvern Skoċċiż esprima interess fil-parteċipazzjoni tal-Iskozja f'ċerti programmi tal-Unjoni, li jistgħu jinkludu wkoll il-politika ta' koeżjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-ftehim qafas proviżorju bejn l-UE u r-Renju Unit dwar Ġibiltà jinkludi r-rieda politika li jiġi previst mekkaniżmu finanzjarju, ispirat mill-politika ta' koeżjoni, bejn Ġibiltà u Campo de Gibraltar, li jiffoka fuq it-taħriġ, il-ħiliet u l-impjiegi[2], li jista' jiġi kkomplementat mill-fondi strutturali tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-programmi Interreg.

* * *

Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jirrakkomandaw li l-Parlament għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

Dejjem tiegħek,

Younous Omarjee

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB

[1] Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018 dwar l-impatt tal-politika ta' koeżjoni tal-UE fuq l-Irlanda ta' Fuq, ĠU C 433, 23.12.2019, p. 2.
[2] Ara l-punt 23 tal-qafas propost għal strument legali UE-Renju Unit li jistabbilixxi r-relazzjoni futura ta' Ġibiltà mal-UE, maqbul b'mod informali minn Spanja u r-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru 2020.

## JAGĦTI OPINJONI

| 37 | + |
|---|---|
| PPE | Pascal Arimont, Isabel Benjumea Benjumea, Tom Berendsen, Franc Bogovič, Daniel Buda, Christian Doleschal, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Andrey Novakov |
| S&D | Adrian-Dragoş Benea, Erik Bergkvist, Corina Crețu, Constanze Krehl, Cristina Maestre Martín De Almagro, Pedro Marques, Tsvetelina Penkova |
| RENEW | Stéphane Bijoux, Vlad-Marius Botoş, Ondřej Knotek, Susana Solís Pérez, Irène Tolleret |
| ID | Francesca Donato, Alessandro Panza, Vincenzo Sofo |
| Verts/ALE | François Alfonsi, Ciarán Cuffe, Rosa D’Amato, Niklas Nienaß, Caroline Roose |
| ECR | Raffaele Fitto, Elżbieta Kruk, Andżelika Anna Możdżanowska |
| The Left | Martina Michels, Younous Omarjee |
| NI | Chiara Gemma |

| 0 | - |
|---|---|

| 2 | 0 |
|---|---|
| ID | Maxette Pirbakas, André Rougé |

It-tifsira tas-simboli:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 – 2020/0382(NLE))Sinjuri Presidenti,

Qed nirreferi, bil-preżenti, għall-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (COM(2020)0856).

Il-koordinaturi fil-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) qiesu l-kwistjoni fil-laqgħa tagħhom tas-26 ta' Jannar. Huma rrikonoxxew in-natura benefika tal-ftehim għall-agrikoltura u l-ikel agrikolu, peress li s-settur kien isofri b'mod konsiderevoli li kieku ż-żewġ sħab kienu qed jinnegozjaw skont ir-regoli tad-WTO.

Madankollu, il-koordinaturi ddeploraw ukoll il-fatt li l-ftehim ma jipprevedix il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini approvati mill-1 ta' Jannar 2021, u appellaw għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bilaterali għar-rikonoxximent reċiproku tagħhom. Huma tennew ukoll il-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim dwar il-Ħruġ hija meħtieġa sabiex tinżamm l-integrità tas-suq uniku u tal-unjoni doganali, u li l-Parlament għandu jinżamm infurmat kif xieraq dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-ftehim u għandu jeżerċita d-drittijiet ta' skrutinju tiegħu f'dan ir-rigward.

Minkejja dawn ir-riżervi, il-koordinaturi tal-Kumitat AGRI taw l-approvazzjoni tagħhom b'mod unanimu għall-konklużjoni mill-UE tal-ftehim imsemmi hawn fuq mar-Renju Unit, u talbuni nwassal l-opinjoni tagħhom lilkom skont l-Artikolu 56.

Dejjem tiegħek,

Norbert Lins

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
ASP 15E201
Brussell

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
ASP 12G301
Brussell

Suġġett: Opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd dwar il-konklużjoni tal-"Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni UE/Renju Unit" 2020/0382(NLE)

Sinjuri Presidenti,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għas-Sajd ġie mistieden jippreżenta opinjoni dwar l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni UE/Renju Unit, li ilu fis-seħħ b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u sakemm tiġi konkluża l-proċedura ta' approvazzjoni tal-Parlament.

Meta wieħed iqis l-iskeda ta' żmien stretta għall-Parlament Ewropew biex jieħu pożizzjoni dwar dan il-Ftehim importanti ħafna, il-Koordinaturi tal-Kumitat għas-Sajd iddeċidew li jagħtu l-opinjoni tiegħu fil-forma ta' ittra (l-Artikolu 56(1), it-tieni subparagrafu), li għandha tiġi annessa fl-intier tagħha mar-rakkomandazzjoni ta' approvazzjoni tal-Parlament. Din l-opinjoni, abbozzata mis-Sur Xavier Bellamy, ir-rapporteur permanenti tal-Kumitat PECH, ġiet ippreżentata u diskussa fil-Kumitat għas-Sajd fil-25 ta' Jannar u f'diversi laqgħat tal-Koordinaturi.

F'isem il-Kumitat għas-Sajd, hawn mehmuż għandek issib l-opinjoni tiegħu dwar il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni UE/Renju Unit, kif adottata b'maġġoranza kbira ħafna mill-Koordinaturi permezz ta' proċedura bil-miktub fit-2 ta' Frar 2021.

Dejjem tiegħek,

Pierre Karleskind

c/c: Il-Koordinazzjoni Leġiżlattiva

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq adottata fit-18 ta' Ġunju 2020 (A9-0117/2020), speċjalment dwar is-sajd;

A. billi x-xenarju diżastruż ta' nuqqas ta' ftehim ġie evitat biss fl-aħħar minuta, u b'hekk ġiet evitata ħsara immedjata u sinifikanti lil mijiet ta' eluf ta' impjiegi diretti u indiretti fis-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar tal-Unjoni, lill-għadd kbir ta' territorji kostali u komunitajiet kostali li jiddependu minnhom, u lill-implimentazzjoni ta' regoli sostenibbli għall-protezzjoni tal-ispeċijiet tal-baħar u l-bijodiversità; billi l-Ftehim għad għandu effetti negattivi fuq is-sajjieda u l-komunitajiet tas-sajd, fejn xi setturi u komunitajiet se jiffaċċjaw effetti negattivi enormi;

B. billi s-sajd għandu dimensjoni emblematika fid-diskussjoni dwar il-Ftehim;

**Il-Kumitat għas-Sajd:**

1. Jesprimi s-serħan tal-moħħ tiegħu għall-kisba ta' Ftehim dwar is-Sajd bħala parti integrali mill-Ftehim komprensiv, li jippreserva l-possibbiltà ta' aċċess għall-ilmijiet, ir-riżorsi u s-swieq tal-partijiet ikkonċernati; jirrikonoxxi l-ħidma tat-tim tan-negozjati tal-UE biex jippreserva l-attivitajiet tas-sajd u l-prinċipju tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi kondiviżi għal diversi deċennji mar-Renju Unit u jirringrazzjah għall-impenn kostanti tiegħu lejn is-settur tas-sajd Ewropew;

2. Jiddeplora, madankollu, it-telf definittiv ta' 25 % tal-valur tad-drittijiet storiċi tas-sajd miżmuma mill-flotot Ewropej fl-ilmijiet tar-Renju Unit; ifakkar li dan it-tnaqqis, filwaqt li jagħmel inqas ħsara mill-għeluq totali tal-ilmijiet tar-Renju Unit, madankollu jikkostitwixxi telf kbir għall-operaturi kkonċernati fis-settur, b'mod partikolari fit-territorji u l-komunitajiet li l-aktar jiddependu minn dawn iż-żoni tas-sajd;

3. Jafferma t-tħassib kbir tiegħu dwar is-sitwazzjoni li se ssegwi l-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5½ snin, li warajh dan it-telf ta' 25 % se jkun kompletament effettiv; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-garanziji kollha meħtieġa sabiex il-bilanċ miksub mar-Renju Unit ma jiġix iddubitat fi tmiem dan il-perjodu, u b'mod partikolari biex dan il-limitu ta' tnaqqis ta' 25 % qatt ma jinqabeż u l-aċċess reċiproku jibqa' jingħata; f'dak ir-rigward, jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Kunsill ta' Sħubija jista' jemenda l-Annessi FISH 1, 2 u 3; jitlob li l-Parlament jiġi kkonsultat qabel ma ssir xi bidla bħal din; jistieden lill-

Kummissjoni tippubblika, u jekk ikun meħtieġ tattiva malajr, il-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li l-klawżoli ta' dan il-Ftehim jiġu rispettati fuq bażi permanenti;

4. Jenfasizza li issa huwa essenzjali li s-sajjieda jkunu garantiti kundizzjonijiet prevedibbli u fit-tul u l-viżibbiltà indispensabbli għall-ġestjoni tal-attività tagħhom u għat-twettiq tal-investimenti meħtieġa, li ħafna minnhom kienu diġà ġew sospiżi għal erba' snin minħabba l-inċertezza maħluqa mill-perjodu tan-negozjati;

5. Huwa partikolarment imħasseb dwar ir-riskji relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim wara t-tmiem tal-perjodu ta' aġġustament, peress li l-uniċi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet huma li l-partijiet għandhom iwettqu negozjati annwali "in bona fede u bl-objettivi li jiżguraw bilanċ reċiprokament sodisfaċenti bejn l-interessi taż-żewġ partijiet"; ifakkar ukoll fl-importanza tal-kapital Ewropew investit f'bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit u l-ħtieġa li jitkomplew il-possibbiltajiet ta' investiment f'negozji relatati mas-sajd bejn l-UE u r-Renju Unit fid-dawl tal-impjiegi u l-benefiċċji ekonomiċi tiegħu għaż-żewġ naħat; huwa għalhekk imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet possibbli fuq l-immarkar tal-bastimenti, ir-rekwiżit li t-total jew proporzjon tal-qabdiet totali jinħattu fil-portijiet tar-Renju Unit jew kwalunkwe riskju ieħor għall-investimenti fis-settur tas-sajd, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tal-impatt potenzjali tar-Riżerva Numru 13 ("Sajd u ilma") magħmula mir-Renju Unit għall-ANNESS SERVIN-2 tal-Ftehim;

6. Jenfasizza t-tħassib serju tiegħu dwar il-konsegwenzi tal-possibbiltà għar-Renju Unit li jitbiegħed mir-Regolamenti tal-Unjoni dwar Miżuri Tekniċi u leġiżlazzjoni ambjentali oħra relatata tal-Unjoni; ifakkar li l-Ftehim jobbliga lil kull parti biex tiġġustifika b'mod preċiż in-natura nondiskriminatorja ta' kwalunkwe żvilupp f'dan il-qasam, u l-ħtieġa, fid-dawl ta' data li tista' tiġi vverifikata xjentifikament, li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali fit-tul; jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment viġilanti li jkun hemm konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet u tirreaġixxi bil-qawwa f'każ li r-Renju Unit jaġixxi b'mod diskriminatorju;

7. Jissottolinja r-riskju ta' distorsjonijiet tas-suq u li jinħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u riskji ekoloġiċi minħabba diverġenzi possibbli fis-sostenibbiltà bejn ir-Renju Unit u l-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-Renju Unit ma jiddevjax mill-objettiv tal-UE li jintemm is-sajd żejjed;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-liċenzji tas-sajd jingħataw fi żmien raġonevoli, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' diskriminazzjoni fiż-żamma tal-aċċess għall-ilmijiet tar-Renju Unit; iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil-liċenzji għall-aċċess għaż-żona ta' 6-12-il mil, għall-kjarifika tar-regoli u l-proċeduri għall-bastimenti li ma kinux joperaw qabel l-2016, kif ukoll għall-possibbiltà li d-drittijiet ta' aċċess jiġu ttrasferiti għal bastiment ġdid f'każ li bastiment ieħor joħroġ mill-flotta;

9. Jesprimi tħassib fir-rigward tal-konsegwenzi ta' regoli differenti applikabbli għal territorji bi status speċjali relatat mar-Renju Unit, b'mod partikolari d-dipendenzi tal-Kuruna u t-Territorji extra-Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lill-ispeċifiċitajiet tal-Bailiwick ta' Guernsey, il-Bailiwick ta' Jersey u l-Isle of Man rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim u speċjalment biex tiżgura soluzzjoni bbilanċjata,

sostenibbli u fit-tul dwar l-aċċess għal dawn l-ilmijiet, ekwivalenti għall-Ftehim ta' Granville Bay; jiddispjaċih li l-flotta kapitali tal-UE u l-flotta kapitali mħallta li joperaw fit-Territorji extra-Ewropej tar-Renju Unit bħall-Islas Malvinas/il-Gżejjer Falkland se jkollhom jiffaċċjaw tariffi meta jesportaw il-qabdiet tagħhom lejn l-Unjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jivvalutaw l-għażliet kollha biex jiggarantixxu aċċess preferenzjali għas-swieq tas-sajd tal-UE allinjati mal-kundizzjonijiet previsti fil-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit;

10. Jesprimi tħassib fir-rigward tar-riskji u l-impatti ta' restrizzjonijiet possibbilment importanti fuq il-possibbiltajiet futuri tas-sajd tal-UE, b'mod partikolari fis-sajd imħallat, b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli għal, b'mod partikolari, speċijiet mhux tal-kwoti;

11. Jappella għaż-żamma ta' mekkaniżmu sempliċi ta' skambju ta' kwoti bejn il-partijiet u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

12. Ifakkar li, bħala riżultat tal-Ftehim, is-settur tas-sajd tal-UE se jsofri telf ekonomiku konsiderevoli; iqis għalhekk, bħala kwistjoni ta' prijorità, li l-kumpens li għandu jiġi previst fir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit irid ikun proporzjonat għall-ħsara mġarrba mis-settur u mill-komunitajiet tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi kollha, diretti u indiretti, tal-Ftehim;

13. Jenfasizza li l-Ftehim, kif applikat b'mod proviżorju, diġà kkawża kunflitti u konfużjoni sfortunata, spejjeż żejda u telf finanzjarju għas-sajjieda, speċjalment dawk imdorrijin joperaw fl-ilmijiet tad-dipendenzi tal-Kuruna, kif ukoll dgħajjef il-ktajjen tal-provvista u l-bejjiegħa bl-imnut; biex jirrapporta u jsolvi kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala', jenfasizza l-ħtieġa li l-partijiet interessati f'dan is-settur ikunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u fl-evalwazzjonijiet futuri tiegħu;

14. Jilqa' l-fatt li mekkaniżmu ta' konsultazzjoni, permezz tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, jagħmilha possibbli li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u jappella għall-istabbiliment rapidu tiegħu ladarba jkunu ngħataw dettalji dwar ir-rwol u l-kompożizzjoni tiegħu; jindika li l-Parlament Ewropew jeħtieġlu jkun involut f'dan il-korp u jinżamm infurmat regolarment dwar il-valutazzjonijiet tiegħu tal-Ftehim; jistieden bil-qawwa lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Kumitat għas-Sajd dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim, inkluż dwar l-iżviluppi fin-negozjati annwali dwar il-possibbiltajiet tas-sajd u l-aċċess għall-ilmijiet;

15. Minkejja dawn l-inċertezzi, il-Ftehim ġeneralment jippreserva qafas favorevoli għas-sajd; il-Kumitat għas-Sajd għalhekk jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jirrakkomandaw l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 – C9-XXXX/2021 – 2020/0382(NLE))

Sur McAllister, Sur Lange,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Jannar 2021, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Jannar 2021. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom ta' hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen
President tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

## SUĠĠERIMENTI

1. Jesprimi dispjaċir kbir dwar id-deċiżjoni tar-Renju Unit li ma jipparteċipax fil-programm Erasmus+ għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027; jissottolinja l-fatt li d-deċiżjoni se jkollha eżitu żvantaġġjuż għal kulħadd, billi ċċaħħad lin-nies u lill-organizzazzjonijiet fl-Unjoni u fir-Renju Unit minn opportunitajiet li jbiddlulhom ħajjithom bis-saħħa ta' proġetti ta' skambju u kooperazzjoni; jinsab partikolarment sorpriż bil-fatt li r-Renju Unit semma l-kostijiet eċċessivi ta' parteċipazzjoni bħal raġuni għad-deċiżjoni tiegħu; iħeġġeġ lir-Renju Unit juża l-"perjodu ta' riflessjoni" previst mid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni biex jerġa' jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Gvern Irlandiż ħabbar li se jiffinanzja l-iskambju tal-Erasmus+ għall-mobilità għall-istudenti mill-universitajiet tal-Irlanda ta' Fuq, indipendentement miċ-ċittadinanza tagħhom, u li se joħloq arranġamenti ta' iskrizzjoni fl-università biex dan isir possibbli; ifakkar li, fl-ambitu tal-programm Erasmus+, l-entitajiet ta' pajjiżi mhux assoċjati mal-programm għandhom id-dritt li jieħdu sehem f'azzjonijiet speċifiċi u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-miżuri neċessarji biex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-Renju Unit skont dawn id-dispożizzjonijiet;

3. Josserva li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprevedi l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programm Orizzont Ewropa; ifakkar li kemm l-edukazzjoni kif ukoll ir-riċerka huma partijiet integrali tal-kooperazzjoni akkademika u li s-sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u Erasmus+ jirrappreżentaw dimensjoni ċentrali tal-ġenerazzjoni ta' programmi l-ġdida; jissottolinja li se jimmonitorja b'attenzjoni s-sitwazzjoni biex jiżgura li l-approċċ differenzjat fil-konfront tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fiż-żewġ programmi ta' kooperazzjoni akkademika tal-Unjoni Ewropea ma jikkompromettix l-effikaċja tal-programmi stess jew ir-riżultati tal-kooperazzjoni preċedenti;

4. Għadu jiddispjaċih bid-deċiżjoni li r-Renju Unit ħa qabel, jiġifieri li ma jieħu sehem la fil-programm Ewropa Kreattiva u lanqas fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mill-1 ta' Jannar 2021; jinsab imħasseb li din id-deċiżjoni se tqiegħed f'riskju ħafna snin ta' kooperazzjoni, u ċċaħħad kemm ir-Renju Unit kif ukoll l-Unjoni Ewropea minn għajn prezzjuża ta' kreattività, bidla u innovazzjoni;

5. Jesprimi diżappunt għall-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ma jikkontemplax reġim ta' eżenzjoni mill-viża għal raġunijiet ta' studju, u dan ifisser li l-istudenti tal-UE li jixtiequ jistudjaw fir-Renju Unit u l-istudenti tar-Renju Unit li jixtiequ jistudjaw fl-UE se jkunu meħtieġa jiksbu viża; jiġbed, barra minn hekk, l-attenzjoni għall-fatt li t-tmiem tar-regoli ta' trattament indaqs se jimplika li l-istudenti tal-UE li jixtiequ jistudjaw fir-Renju Unit mhumiex se jkunu suġġetti għall-istess reġim ta' miżati għat-tagħlim u aċċess għal self għall-istudenti bħal sħabhom tar-Renju Unit u viċeversa; jiddispjaċih li r-Renju Unit mhuwiex se jipparteċipa fl-inizjattivi u fil-miżuri maħsuba biex sal-2025 tinħoloq Żona Ewropea tal-Edukazzjoni vera u proprja, u b'hekk

tkompli tonqos il-kooperazzjoni;

6. Ifakkar li d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ma għadhiex tapplika għar-Renju Unit u jiddispjaċih li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni ma jikkontemplax dispożizzjonijiet biex jippermetti r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali; iħeġġeġ lir-Renju Unit u lill-Kummissjoni jkomplu d-djalogu bil-għan li jistabbilixxu qafas effikaċi għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali;

7. Jesprimi diżappunt dwar il-fatt li ma kienx possibbli li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat li tippermetti d-dħul u s-soġġorn eżenti mill-viża għall-artisti u għall-professjonisti kulturali, speċjalment fid-dawl tal-importanza tat-tours għas-settur u tal-iskambju kulturali b'mod ġenerali; jinsisti li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal raġunijiet ta' negozju mhumiex adatti sew għas-settur kulturali u kreattiv u jissugraw li jirriżultaw f'rekwiżiti onerużi u potenzjalment projbittivi għall-artisti u għall-professjonisti kulturali li jinsabu fuq tours; jisħaq fuq il-fatt li reġim ta' eżenzjoni mill-viża huwa fl-interess tas-settur kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit u jħeġġeġ liż-żewġ partijiet jaħdmu għal ftehim;

8. Iqis li d-deċiżjoni li ħa r-Renju Unit li ma jiħux sehem fi programmi rilevanti tal-Unjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mobilità tal-istudenti u tal-artisti, inevitabbilment se jostakolaw d-djalogu u l-kooperazzjoni kontinwi bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, taż-żgħażagħ u tal-kultura; ifakkar li l-arranġamenti fl-ambitu tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jmorru kontra x-xewqat espressi mis-setturi rilevanti kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit;

9. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni japplika l-eċċezzjoni kulturali u li s-servizzi awdjoviżivi għaldaqstant huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu;

10. Ifakkar li, peress li r-Renju Unit huwa parti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transfruntiera, ix-xogħlijiet awdjoviżivi li joriġinaw fir-Renju Unit jitqiesu, fil-prinċipju, "xogħlijiet Ewropej" għall-finijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, skont l-Artikolu 1, paragrafu 1, punt (n) u paragrafu 3; jenfasizza f'dan ir-rigward li jistgħu jintużaw biex jimlew is-sehem ta' 30 % tax-xogħlijiet Ewropej fil-katalogi tal-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand fl-Istati Membri; iqis li s-sitwazzjoni għandha tiġi mmonitorjata b'attenzjoni;

11. Josserva b'sodisfazzjon li l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni jipprevedi kooperazzjoni kontinwa fir-rigward tar-ritorn ta' oġġetti kulturali illegalment imneħħija u ttraffikati b'mod illeċitu lejn il-pajjiż tal-oriġini skont il-prinċipji minquxa fil-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali; jistenna b'interess li jkun hemm kooperazzjoni attiva f'dan il-qasam;

12. Iqis li l-iskambji edukattivi, kulturali u taż-żgħażagħ huma s-sinsla ta' relazzjoni tajba bejn is-sħab; jemmen li kooperazzjoni stretta u djalogu f'dawn l-oqsma għandhom ikomplu bil-mezzi kollha possibbli u jistieden lill-partijiet jeżaminaw il-perkorsi futuri f'dan ir-rigward; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet jużaw il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bħala pedament li

fuqu jżommu u jiżviluppaw rabtiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, il-mezzi ta' informazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport għall-ġid taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit; jenfasizza li l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni tibqa' miftuħa għar-Renju Unit wara l-QFP 2021-2027.

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Għandi l-pjaċir ninfurmakom li, wara d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-28 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (il-Kumitat LIBE) iddeċieda fil-11 ta' Jannar 2021 li jitlob approvazzjoni biex jippreżenta opinjoni fil-forma ta' ittra lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali skont il-proċedura msemmija hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 56(1) tar-Regoli ta' Proċedura. Il-Kumitat tagħna adotta din l-opinjoni fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2021. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tagħhom.

Għalhekk, b'dan qed nibgħat l-opinjoni tal-Kumitat LIBE li tikkonsisti f'żewġ partijiet: il-parti A (Osservazzjonijiet ġenerali), inkluż dwar il-Parti I, it-Titolu III (dispożizzjonijiet istituzzjonali), u l-parti B (Osservazzjonijiet tematiċi li jappartjenu għal kull qasam ta' kompetenza tal-Kumitat LIBE). Fil-parti tal-aħħar, tindirizza kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat LIBE, l-ewwel nett dawk effettivament koperti fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (minn hawn 'il quddiem "TCA"): il-protezzjoni ta' data personali, is-sigurtà, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, flimkien ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tat-Tielet Parti, li huma koperti fit-TCA, kif ukoll l-arranġamenti dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri u l-mobbiltà, li jew huma biss marġinalment koperti fit-test tat-TCA jew li bla ebda mod ma huma koperti minnu.

Dejjem tiegħek,

Juan Fernando López Aguilar

## SUĠĠERIMENTI

### *A. Osservazzjonijiet ġenerali*

1. Iqis li t-TCA jfittex li jipprovdi qafas uniku għal relazzjoni speċjali bejn l-UE u r-Renju Unit, filwaqt li jikkunsidra b'mod xieraq ir-relazzjoni mill-qrib li nbniet bejn iż-żewġ Partijiet matul is-sħubija ta' 47 sena tar-Renju Unit fl-UE, u l-fatt li, mill-1 ta' Frar 2020, dan tal-aħħar sar pajjiż terz u l-perijodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (WA) intemm fil-31 ta' Diċembru 2020;

2. Jiddispjaċih ħafna għall-fatt li l-Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni (TCA) daħal fis-seħħ b'mod proviżorju, u b'hekk dgħajjef id-dritt tal-Parlament għal skrutinju qabel ma ta l-kunsens tiegħu f'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

3. Jirrikonoxxi li, skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Unjoni fir-relazzjonijiet esterni tagħha; jitlob li l-Parlament ikun awtorizzat jattendi l-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u korpi konġunti oħra stabbiliti mit-TCA, bħall-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja; jinsisti, fi kwalunkwe każ, li l-Parlament għandu jkollu rwol ta' skrutinju fil-qafas istituzzjonali l-ġdid u jkun jista' jissorvelja l-implimentazzjoni kemm tat-TCA kif ukoll tal-Ftehim dwar il-Ħruġ; iħeġġeġ l-istabbiliment rapidu ta' Assemblea Parlamentari ta' Sħubija li fiha, il-Membri tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tat-TCA u kwalunkwe ftehim futur, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Sħubija; jinsisti wkoll li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-informazzjoni u d-dokumenti kollha relatati ma' kwalunkwe laqgħa futura tal-Kunsill ta' Sħubija jew korpi konġunti oħra jiġu kondiviżi mal-Parlament fuq livell ugwali mal-Kunsill, li l-Parlament jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet tal-Unjoni rigward il-kwistjonijiet kollha fuq l-aġenda ta' dawn il-laqgħat, u li l-minuti u d-dokumenti adottati f'dawn il-laqgħat jiġu kondiviżi mal-Parlament skont il-kwistjonijiet inkwistjoni; jinnota li l-kumitati responsabbli tal-Parlament jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiżguraw li r-rwol tal-Parlament f'dan ir-rigward jiġi eżerċitat b'mod kompletament trasparenti u effettiv; jinsisti bil-qawwa li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu jinżamm infurmat bis-sħiħ u jiġi kkonsultat, b'mod partikolari, kif iddikjarat hawn fuq, fir-rigward tal-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja;

4. Jiddeplora l-fatt li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta'

informazzjoni klassifikata ma jinkludix lill-Parlament[1] u l-fatt li r-Renju Unit jeħtieġ li jagħti l-qbil espliċitu tiegħu biex tali informazzjoni tiġi kondiviża mal-Parlament;

5. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi Servizz għall-Ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit (UKS);

***B. Osservazzjonijiet tematiċi (it-Tielet Parti tat-TCA)***

***Id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni***

6. Jilqa' l-inklużjoni, fid-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Tielet Parti (l-Artikolu LAW.GEN.3) tar-referenza espliċita għar-"rispett fit-tul tal-Partijiet u tal-Istati Membri għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluż kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u dwar l-importanza li d-drittijiet u l-libertajiet f'dik il-Konvenzjoni jidħlu fis-seħħ domestikament";f ifakkar lill-Kumitati ewlenin li l-Parlament, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu kemm tat-12 ta' Frar 2020[2] kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2020[3] (minn hawn 'il quddiem "ir-riżoluzzjonijiet ta' Frar u Ġunju 2020"), ikkunsidra l-aderenza kontinwa u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), kif ukoll ir-rispett għall-istat tad-dritt, bħala prekundizzjoni neċessarja għall-kooperazzjoni tal-UE mar-Renju Unit; jilqa' wkoll l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' terminazzjoni, diżapplikazzjoni, sospensjoni u soluzzjoni tat-tilwim fit-Titoli differenti tat-Tielet Parti, b'mod partikolari d-dispożizzjoni dwar terminazzjoni aktar rapida ta' din il-Parti (l-Artikolu LAW.OTHER.136: Terminazzjoni) fil-każ li r-Renju Unit jew Stat Membru jiddenunċja lill-QEDB, u d-dispożizzjoni dwar is-sospensjoni ta' din il-Parti (l-Artikolu LAW.OTHER.137: Sospensjoni) fil-każ ta' nuqqasijiet serji u sistemiċi min-naħa ta' Parti minnhom fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni ta' data personali u l-istat tad-dritt; jenfasizza li l-Parlament, u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu b'mod partikolari, għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fil-mekkaniżmu intra-UE biex tittieħed deċiżjoni dwar it-terminazzjoni u/jew is-sospensjoni abbażi tal-arranġamenti interistituzzjonali futuri rilevanti; jiddeplora wkoll il-fatt li l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previst fit-Tielet Parti (it-Titolu XIII) huwa mekkaniżmu politiku mingħajr ebda rwol għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE); jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li t-TCA ma jipprevedi l-ebda rwol għall-Parlament, jew b'mod partikolari għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu, fil-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprevedu l-involviment sħiħ tal-Parlament fid-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-passi differenti tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim abbażi tal-arranġamenti interistituzzjonali futuri rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għall-proċedura għat-tnedija tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim min-naħa tal-Unjoni, li jinvolvu bis-sħiħ lill-Parlament; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bħala minimu, u minkejja d-dispożizzjonijiet futuri, tagħmel impenn politiku pubbliku, sa mhux aktar tard mid-data tal-votazzjoni tal-Parlament dwar l-approvazzjoni, bil-għan li tipproponi li l-Kunsill jissospendi, jemenda, jew itemm partijiet jew titoli tat-TCA jekk il-Parlament jitlob sospensjoni, emenda jew

[1] https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/draft_eu-uk_security_of_information_agreement.pdf
[2] Testi adottati, P9_TA(2020)0033.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0152.

terminazzjoni; iqis li l-approvazzjoni tal-Parlament għandha tintalab qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-emendar jew it-terminazzjoni tat-TCA mill-Unjoni, b'applikazzjoni analoga tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, meta l-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva li tagħmel dan;

***Protezzjoni tad-data***

7. Fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, jikkondividi l-objettiv tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li tiġi żgurata l-kontinwità tal-protezzjoni mogħtija lill-individwi fl-Unjoni li d-data personali tagħhom se tiġi pproċessata fir-Renju Unit wara d-data tal-ħruġ;

8. Jieħu nota tal-impenn tal-Partijiet (l-Artikolu COMPROV.10) li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali u r-rikonoxximent li l-individwi għandhom dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza, iżda jiddispjaċih għall-fatt li l-Ftehim ġie konkluż qabel ma l-Kummissjoni laħqet lestiet il-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħha tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit;

9. Jieħu nota wkoll tad-dispożizzjoni *interim* bla preċedent għat-trażmissjoni ta' data personali lir-Renju Unit (l-Artikolu FINPROV.10A) għal perijodu ta' erba' xhur – li jista' jiġġedded darba għal xahrejn ulterjuri sakemm ir-Renju Unit jew il-Kummissjoni ma joġġezzjonawx għal dan – li tistipula li tali trażmissjoni ma tridx titqies bħala trasferiment lejn pajjiż terz skont id-dritt tal-Unjoni, dment li tkun tapplika l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020, u soġġetta għall-kundizzjoni li r-Renju Unit ma jemendax il-qafas tiegħu dwar il-protezzjoni tad-data, ir-regoli tiegħu dwar it-trażmissjonijiet internazzjonali ta' data jew kwalunkwe testi mhux vinkolanti u rilevanti oħra sakemm ma l-Unjoni ma tkunx qablet ma din l-emenda intenzjonata fi ħdan il-Kunsill tas-Sħubija inkuż qbil taċitu jekk ma titqajjem ebda oġġezzjoni fi żmien ħamest ijiem;

10. Jinnota li din id-dispożizzjoni interim hija maħsuba biex tkompli l-iskambju ta' flussi ta' data personali filwaqt li l-Kummissjoni tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha dwar jekk il-livell ta' protezzjoni pprovdut mill-qafas legali tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data huwiex adegwat, u sussegwentement tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti; jesprimi, madankollu, dubji serji dwar jekk dan ir-reġim *interim* hux se jipprovdi l-livell meħtieġ ta' protezzjoni għad-data personali ttrasferita lejn ir-Renju Unit, peress li jibbaża fuq is-suppożizzjoni li l-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data attwalment fis-seħħ, implimentat b'mod xieraq u korrett il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 ("GDPR") u d-Direttiva (UE) 2016/680 ("Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi"), u li fil-preżent ir-Renju Unit jiżgura l-istess livell ta' protezzjoni stabbilit mill-Unjoni; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament ta' Frar u Ġunju 2020, li jindikaw l-eżenzjoni ġenerali u wiesgħa għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-immigrazzjoni tal-Att tar-Renju Unit dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-qafas legali tar-Renju Unit dwar iż-żamma tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi;

11. Fir-rigward tal-adegwatezza tal-qafas legali tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data, ifakkar ukoll fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament ta' Frar u Ġunju 2020, filwaqt li jenfasizza li, f'konformità mal-GDPR u l-ġurisprudenza tal-QĠUE[4], sabiex tiġi

[4] Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, C-362/14, *Maximillian Schrems* v *Data Protection Commissioner*, ECLI:EU:C:2015:650.

ddikjarata l-adegwatezza tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit, il-Kummissjoni jeħtiġilha turi li r-Renju Unit jipprovdi livell ta' protezzjoni "essenzjalment ekwivalenti" għal dak offrut mill-qafas legali tal-Unjoni, inkluż dwar trasferimenti ulterjuri lejn pajjiżi terzi; barra minn hekk, huwa tal-fehma li l-qafas legali tar-Renju Unit dwar iż-żamma ta' data tat-telekomunikazzjoni elettronika ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-*acquis* rilevanti tal-UE skont l-interpretazzjoni tal-QĠUE, u għaldaqstant bħalissa ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adegwatezza; iqis li l-eżenzjoni ġenerali u wiesgħa għall-ipproċessar ta' data personali għal skopijiet ta' immigrazzjoni tal-Att tar-Renju Unit dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-qafas legali tar-Renju Unit dwar iż-żamma ta' data tat-telekomunikazzjoni elettronika jeħtieġ li tiġi emendata qabel ma tkun tista' tingħata deċiżjoni ta' adegwatezza valida;

12. Iqis li huwa neċessarju li l-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-qafas legali tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi l-ftehimiet internazzjonali tar-Renju Unit dwar it-trasferimenti tad-data personali, bħall-Ftehim dwar l-Aċċess tad-Data bejn l-Istati Uniti u r-Renju Unit u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-kummerċ diġitali fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn ir-Renju Unit u l-Ġappun, u li tagħti attenzjoni partikolari lill-qafas legali fir-Renju Unit fl-oqsma tas-sigurtà nazzjonali u għall-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; ifakkar li l-programmi ta' sorveljanza tal-massa li jinkludu l-ġbir ta' data bil-massa jistgħu ma jkunux adegwati skont id-dritt tal-Unjoni, u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tqis il-ġurisprudenza tal-QĠUE f'dan il-qasam bħalma huma l-kawżi Schrems I u II u Privacy International[5] fil-valutazzjoni tagħha, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; ifakkar ukoll fil-ksur persistenti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, u jenfasizza li l-Kummissjoni naqset milli ssolvi dan il-ksur mal-awtoritajiet tar-Renju Unit b'mod adegwat u f'waqtu; jirrimarka li, minkejja l-fatt li t-TCA ma jippermettix aċċess għas-SIS, dan il-ksur wera li l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma setgħux jiġu fdati bid-data taċ-ċittadini tal-UE waqt li kien għadu Stat Membru, u li, għalhekk, ir-Renju Unit għandu jsolvi dawn il-problemi b'mod urġenti u juri li jista' jiġi fdat bil-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi mogħtija minn dan il-ftehim; jenfasizza li, sakemm dan il-ksur ma jkunx ġie solvut, ma għandhiex tingħata deċiżjoni ta' adegwatezza;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-Renju Unit solva l-problemi identifikati f'din l-opinjoni qabel ma kkunsidra li l-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data hija adegwata, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni kif interpretat mill-QĠUE[6]; jitlob ukoll li tintalab l-opinjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Kontrollur

---

[5] Is-Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, C-623/17, *Privacy International* v *Secretary of State for Foreign and Commonwealth Affairs and Others*, ECLI:EU:C:2020:790.

[6] Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, C-362/14, *Maximillian Schrems* v *Data Protection Commissioner*, ECLI:EU:C:2015:650; L-opinjoni 1/15 tas-26 ta' Lulju 2017, PNR Canada, ECLI:EU:C:2017:592; Is-sentenza tat-8 ta' April 2014, il-Kawżi Magħquda C-293/12 u C-594/12, *Digital Rights Ireland Ltd* v *Minister for Communications, Marine and Natural Resources, Minister for Justice, Equality and Law Reform, Commissioner of the Garda Síochána Ireland*, EU:C:2014:238; Is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, il-Kawżi Maqgħuda C-203/15 u C-698/15, *Tele2 Sverige AB* v *Post- och telestyrelsen* and *Secretary of State for the Home Department* v *Tom Watson and Others*, ECLI:EU:C:2016:970; Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Il-Kawżi Magħquda C-511/18, C-512/18, C-520/18, *La Quadrature du Net and Others* v *Premier ministre and Others*, ECLI:EU:C:2020:791; u s-Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, C-623/17, *Privacy International* v *Secretary of State for Foreign and Commonwealth Affairs and Others*, ECLI:EU:C:2020:790.

Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u li dawn jingħataw l-informazzjoni rilevanti kollha u l-iskedi ta' żmien xierqa biex iwettqu r-rwol tagħhom; jemmen bis-sħiħ li, jekk il-qafas legali tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-data ma jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jingħata deċiżjoni ta' adegwatezza, l-Unjoni għandha tenfasizza l-ħtieġa li jintużaw il-mekkaniżmi legali alternattivi previsti fil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data dwar it-trasferimenti internazzjonali;

14. Jistieden ukoll lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri biex isegwu b'mod proattiv l-applikazzjoni tar-reġim interim u kwalunkwe pass sussegwenti, sabiex jikkontribwixxu għar-rispett kontinwu tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data tal-Unjoni;

***Infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali***

15. Jilqa' l-fatt li l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali huma parti minn ftehim wieħed dwar ir-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Frar 2020; jinnota l-fatt li ntlaħaq ftehim komuni dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit f'oqsma ta' skambju tad-DNA, marki tas-swaba' u data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, trasferiment u pproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), kooperazzjoni fuq informazzjoni operazzjonali, kooperazzjoni mal-Europol u mal-Eurojust, ċediment, assistenza reċiproka, skambju ta' informazzjoni dwar il-fedini penali, ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, iffriżar u konfiska tal-assi, flimkien ma' klawsola speċifika għat-terminazzjoni u s-suspensjoni u mekkaniżmu speċifiku għas-soluzzjoni tat-tilwim, u dwar il-kooperazzjoni msaħħa dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (l-Artikolu COMPROV.9) li jistipula li l-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-livelli bilaterali, reġjonali u internazzjonali biex jipprevjenu u jikkumbattu atti ta' terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu skont il-liġi internazzjonali, inkluż, fejn xieraq, ftehimiet internazzjonali relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; iqis li t-TCA jipprovdi l-bażi meħtieġa biex titkompla l-kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali mar-Renju Unit fid-dawl tal-istatus il-ġdid ta' dan tal-aħħar bħala pajjiż terz mhux ta' Schengen li għalih ma tapplikax il-libertà ta' moviment;

16. Jinnota li t-TCA jistabbilixxi kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit u l-Istati Membri fir-rigward tat-trasferiment awtomatizzat tat-tipi kollha ta' data skont il-qafas legali ta' Prüm (profili tad-DNA, data dattiloskopika u ċerta data domestika tar-reġistrazzjoni tal-vetturi); jindika li dan huwa l-ewwel ftehim internazzjonali tal-UE li jippermetti l-iskambju ta din id-data sensittiva ma' pajjiż terz; jilqa' l-fatt li l-Partijiet għat-TCA impenjaw ruħhom li jiskambjaw informazzjoni dwar id-DNA u d-data dattiloskopika kollha disponibbli domestikament, inkluża d-data ta' persuni kundannati u suspettati, kif talab il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fin-nota spjegattiva għar-rapport tiegħu A9-0100/2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fir-Renju Unit, li dwaru l-Parlament ġie kkonsultat[7]; jirrimarka li, filwaqt li kien Stat Membru, ir-Renju Unit ma pparteċipax fit-trasferiment awtomatiku ta' data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi

[7] Testi adottati, P9_TA(2020)0068.

skont id-dritt tal-Unjoni u jiddispjaċih għall-fatt li tali skambju ġie miftiehem mar-Renju Unit fl-istatus tiegħu bħala pajjiż terz skont it-TCA mingħajr ma ġie kkonsultat il-Parlament; jinsisti li l-Parlament jiġi infurmat kif xieraq dwar l-eżitu tal-evalwazzjoni li trid titwettaq f'konformità mal-Artikolu LAW.PRUM.18 (Evalwazzjoni *ex ante*); jissottolinja s-sensittività tad-data skambjata u l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data; jieħu nota wkoll tal-fatt li t-TCA jistabbilixxi proċedura għall-emendar ta' dan it-Titolu fid-dawl ta' bidliet futuri possibbli fil-qafas legali ta' Prüm tal-Unjoni (l-Artikolu LAW.PRUM.19.1);

17. Jieħu nota tal-arranġamenti li jistabbilixxu kooperazzjoni reċiproka dwar l-iskambju u l-ipproċessar tad-data tal-PNR u bażi ġuridika għat-trasferiment ta' data minn trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet bejn l-UE u r-Renju Unit; jilqa' l-fatt li dawn l-arranġamenti jirriflettu l-każistika l-aktar reċenti tal-QĠUE f'dan il-qasam u jinkludu salvagwardji addizzjonali meta mqabbla ma' ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi oħra; ifakkar li d-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja[8] bħalissa tinsab taħt skrutinju legali fi tliet kawżi quddiem il-QĠUE għal interferenza mhux ġustifikata possibbli mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data[9]; jinsab imħasseb, madankollu, li l-Artikolu LAW.PNR.20 (Skopijiet tal-użu tad-data tal-PNR) jintroduċi użu bi skop speċjali tad-data tal-PNR applikabbli biss għar-Renju Unit – riskju ta' mewt jew korriment serju jew riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika – li mhuwiex konformi mal-iskopijiet tal-iskambju tal-PNR bejn l-Istati Membri u li ma jikkorrispondix mal-prinċipju ta' reċiproċità tal-pajjiż; jiddispjaċih, barra minn hekk, dwar il-fatt li skont l-Artikolu LAW.PNR.28: (rigward iż-żamma tad-data tal-PNR), ir-Renju Unit jista' jidderoga mill-obbligu tiegħu li jħassar id-data tal-PNR tal-passiġġieri wara t-tluq tagħhom mill-pajjiż meta valutazzjoni tar-riskju tindika l-ħtieġa li tinżamm tali data tal-PNR, u jista' jagħmel dan fuq bażi temporanja għal perijodu interim ta' sena, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal sena oħra, li possibbilment jirriżulta f'sitwazzjoni fejn id-data tal-vjaġġaturi li mhijiex meħtieġa għal finijiet ta' infurzar tal-liġi tista' tinżamm mir-Renju Unit sa tliet snin qabel l-applikazzjoni tal-obbligu ta' tħassir;

18. Jirrimarka li t-Titolu IV dwar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni operattiva ma jippermettix aċċess għall-bażi tad-data tas-SIS kif insista l-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu; jenfasizza li l-kooperazzjoni f'dan il-qasam tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-rigward ta' persuni mfittxija jew nieqsa u oġġetti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, il-prevenzjoni ta' theddid għas-sikurezza pubblika u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u dispożizzjoni li tippermetti l-użu ta' linja ta' komunikazzjoni sigura għall-fini tal-għoti ta' informazzjoni permezz tal-Europol, li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni mar-Renju Unit; jirrimarka li dan it-titolu tat-TCA jipprevedi l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri, sakemm l-Istati Membri jaġixxu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. jenfasizza li fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju Unit fil-qasam tal-infurzar

[8] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132.
[9] Ara l-Kawża C-817/19, *Ligue des droits humains* v *Conseil des ministres*.

tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, huwa importanti li l-Istati Membri jadottaw approċċ unifikat u trasparenti;

19. Huwa sodisfatt bil-fatt li t-TCA jipprevedi kooperazzjoni msaħħa bejn ir-Renju Unit u l-Europol u l-Eurojust, li tkun ta' benefiċċju kemm għar-Renju Unit kif ukoll għall-Istati Membri, peress li, minħabba l-prossimità ġeografika u d-daqs tiegħu, ir-Renju Unit se jkompli jkun sieħeb strateġiku u importanti tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transfruntiera u fil-ġlieda kontra t-theddid komuni għas-sigurtà; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-Ftehim ta' Kooperazzjoni Territorjali jipprevedi l-aktar skambju rapidu possibbli ta' informazzjoni bejn pajjiż terz u l-Europol; jinnota li t-TCA se tkun ikkomplementata minn arranġamenti ta' ħidma u amministrattivi li jridu jiġu miftiehma bejn l-Europol u l-Eurojust u r-Renju Unit; f'dan il-kuntest, jistieden lill-partijiet jistinkaw lejn kooperazzjoni msaħħa, filwaqt li jirrispettaw il-limiti tekniċi u legali ta' tali kooperazzjoni, kif ukoll id-drittijiet fundamentali; jissottolinja li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu se jkompli jissorvelja mill-qrib dan il-proċess u l-aspetti rilevanti tal-kooperazzjoni prattika permezz tas-setgħat ta' sorveljanza tiegħu fir-rigward taż-żewġ aġenziji tal-UE; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Ftehim jippermetti lir-Renju Unit jittrasferixxi data personali lill-Europol mhux biss għall-finijiet tal-ipproċessar stabbiliti fir-Regolament dwar l-Europol, iżda wkoll għal fini differenti minn dik li għalih tkun ġiet ipprovduta jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti li tittrasferixxi; jieħu nota tal-fatt li t-trasferimenti ta' data personali mal-Europol jistgħu jiġu pproċessati fir-rigward tal-vittmi ta' reati kriminali, xhieda jew persuni oħra li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali, u jiddispjaċih għall-fatt li l-Ftehim ma jiddefinixxix il-kategorija ta' "persuni oħra" b'mod aktar preċiż; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Europol jista' jkun kapaċi jiskambja data personali ta' persuni mhux suspettati;

20. Jilqa' l-fatt li t-TCA fiha dispożizzjonijiet dwar proċedura ta' konsenja u dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li jistgħu jistabbilixxu l-pedamenti għal kooperazzjoni ġudizzjarja msaħħa kemm jista' jkun f'materji kriminali mar-Renju Unit bħala pajjiż terz; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li ntlaħaq ftehim dwar il-proċedura ta' konsenja, u b'hekk ippermetta kooperazzjoni aktar mill-qrib u aktar effiċjenti milli kieku kienet ibbażata fuq il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Estradizzjoni;

21. Ifaħħar l-isforzi li saru biex tiġi ssupplimentata l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri u dawk tar-Renju Unit f'materji kriminali; jilqa' l-inklużjoni ta' definizzjoni komprensiva tas-sjieda benefiċjarja fit-Titolu tat-TCA dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; jilqa' l-fatt li l-Partijiet qablu wkoll li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-iffriżar u l-konfiska fit-TCA, li se jippermettu kooperazzjoni aktar imsaħħa minn dik prevista fl-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa;

***Ażil, migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri***

22. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu fir-riżoluzzjonijiet ta' Frar u Ġunju 2020 dwar il-kooperazzjoni futura fil-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri, filwaqt li jtenni li kooperazzjoni bħal din għandu jkollha mill-inqas arranġamenti li jtejbu rotot sikuri u legali ta' aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż permezz tar-riunifikazzjoni tal-familja, peress li r-riunifikazzjoni tal-familja

tibqa' importanti għall-applikanti għal ażil li jirrisjedu fir-Renju Unit u li jkollhom familji ġewwa l-fruntieri tal-UE, u jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' pjan dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, li kellu jidħol fis-seħħ wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, sabiex jiġu evitati distakki li jwasslu għal konsegwenzi prattiċi negattivi għall-persuni involuti u li jkollhom impatti umanitarji u biex ikun żgurat il-ħarsien tad-dritt tagħhom għall-ħajja tal-familja f'konformità mal-Artikolu 8 tal-QEDB; jiddeplora, għalhekk, il-fatt li, għalkemm il-kooperazzjoni dwar l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari kienet parti mid-dikjarazzjoni politika riveduta u li, fil-qasam tal-ażil, il-Kummissjoni fittxet mandat mill-Kunsill f'konformità mad-dikjarazzjoni tagħha dwar l-ażil[10] wara l-proposti rilevanti tar-Renju Unit, il-prospett ta' kooperazzjoni tal-UE mar-Renju Unit fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, qasam fejn l-Unjoni għandha l-kompetenza li taġixxi, u li jaffettwa d-drittijiet tal-persuni l-aktar vulnerabbli, ma seħħx, u li dan il-qasam tal-politika tal-UE issa tħalla wkoll għall-kooperazzjoni bilaterali, saħansitra fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar l-Ażil u r-Ritorni; jenfasizza għal darb'oħra li fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju Unit fil-qasam tal-migrazzjoni, huwa importanti li l-Istati Membri jadottaw approċċ trasparenti mar-Renju Unit; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu u tirrapporta regolarment lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu dwar kif l-Istati Membri japplikaw il-liġijiet rilevanti tal-Unjoni fir-relazzjonijiet tagħhom mar-Renju Unit, u tiżgura l-konsistenza tal-applikazzjoni tagħhom; ifakkar lill-Istati Membri u lir-Renju Unit fl-obbligu tagħhom li jipproteġu lit-tfal kollha fit-territorju tagħhom, irrispettivament mill-istatus, mir-relazzjoni jew mir-rabtiet familjari tagħhom, inklużi minorenni mhux akkumpanjati, u li jissalvagwardjaw l-aċċess tat-tfal kollha għad-dritt tagħhom għall-protezzjoni, għall-ħajja tal-familja u għall-benesseri fid-dawl tal-aħjar interessi tagħhom, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tat-2 ta' Settembru 1990; jilqa' l-miżuri unilaterali tar-Renju Unit li jipprevedu li talbiet mhux solvuti għal trasferiment lejn ir-Renju Unit għar-riunifikazzjoni tal-familja se jkomplu jiġu pproċessati wara l-1 ta' Jannar 2021 (ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni, in-Nazzjonalità u l-Ażil (Ħruġ mill-UE) 2019, SI 2019/745, Skeda 2, Parti 3, paragrafu 9); jappella għall-konklużjoni rapida ta' ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit biex jissostitwixxi r-Regolament ta' Dublin u jittratta kwistjonijiet bħar-riunifikazzjoni tal-familja għal dawk li jfittxu ażil jew ir-rifuġjati, ir-rilokazzjoni jew l-arranġamenti ta' riammissjoni; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' mogħdijiet u skemi ta' migrazzjoni legali sikuri bejn l-UE u r-Renju Unit; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-Istati Membri bi fruntiera esterna fuq l-art jew marittima – maħluqa b'riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE – ma jistgħux ikunu mistennija li jaġixxu bħala pulizija tal-fruntieri f'isem ir-Renju Unit; jinnota li ma hija prevista l-ebda kooperazzjoni futura bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Forza tal-Fruntieri tar-Renju Unit fit-TCA u jitlob kjarifika tat-termini ta' tali kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit bħala pajjiż terz u l-Frontex permezz, bħala minimu, ta' arranġamenti ta' ħidma futuri jew ftehimiet dwar l-istatus; jenfasizza li tali kooperazzjoni għandha tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali, li jibqa' applikabbli għall-fruntiera bejn ir-Renju Unit u l-UE, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

***Drittijiet taċ-Ċittadini u mobbiltà;***

[10] Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ażil, l-Anness D tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit.

23. Jenfasizza l-importanza kruċjali li n-negozjati bejn iż-żewġ Partijiet ikollhom bħala għan, il-kontinwazzjoni sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini taż-żewġ Partijiet u d-drittijiet tal-membri tal-familja tagħhom, u li l-iskemi ta' residenza kemm tar-Renju Unit kif ukoll tal-Istati Membri għandhom ikunu faċli għall-utent, trasparenti u mingħajr ħlas, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess; ifakkar fir-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' Frar u Ġunju 2020 u jtenni li dispożizzjonijiet ulterjuri dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, inkluż il-moviment liberu għal ċittadini tar-Renju Unit fl-Ujoni abbażi ta' approċċ reċiproku, kellu jikkostitwixxi l-pedament u l-parti indiviżibbli tat-test ta' ftehim internazzjonali futur bejn l-UE u r-Renju Unit. ifakkar ukoll dwar l-insistenza tiegħu li kwalunkwe arranġament futur dwar il-mobbiltà għandu jkun ibbażat fuq in-nondiskriminazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u fuq reċiproċità sħiħa; jibqa' mħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema transfruntiera u jfakkar li d-drittijiet tagħhom iridu jiġu żgurati mingħajr dewmien; jistieden lir-Renju Unit ma jiddiskriminax bejn iċ-ċittadini tal-UE abbażi tan-nazzjonalità tagħhom, la f'termini ta' reġistrazzjoni fl-iskema għall-kisba tal-istatus ta' stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE, u lanqas fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' mobbiltà u viża, u biex iżomm lura milli japplika prezzijiet tal-viża diskriminatorji għaċ-ċittadini tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinforza l-prinċipju tar-reċiproċità b'mod strett;

24. Jieħu nota, f'dan ir-rigward, tal-ħidma tal-Kumitat Speċjalizzat dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadini, u, b'mod aktar partikolari, taż-żewġ rapporti konġunti tiegħu dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' residenza; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar l-implimentazzjoni tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, b'mod partikolari peress li l-iskadenzi għall-applikazzjoni għall-iskemi rilevanti tar-Renju Unit u tal-Istati Membri jiskadu f'Ġunju jew f'Diċembru 2021, u ġew osservati diversi nuqqasijiet u dewmien; jinsab imħasseb dwar il-konsegwenzi għaċ-ċittadini jekk ma jintlaħqux l-iskadenzi rilevanti; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi rispettat bis-sħiħ il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fil-partijiet kollha tiegħu kif iddikjarat fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tar-Renju Unit jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis tad-drittijiet għaċ-ċittadini fl-Irlanda ta' Fuq; jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-viżi għal żjarat qosra, b'mod partikolari l-involviment taż-żewġ Partijiet biex jipprevedu vjaġġar mingħajr viża għal żjarat qosra u l-inklużjoni ta' klawżola ta' nondiskriminazzjoni bejn l-Istati Membri fil-każ li r-Renju Unit jiddeċiedi li jimponi rekwiżit ta' viża għal żmien qasir fuq iċ-ċittadini ta' Stat Membru (l-Artikolu VSTV.1, il-paragrafi 1 u 2); jiddispjaċih dwar il-fatt li l-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni bejn l-UE u r-Renju Unit ma għadux jeżisti, u huwa diżappuntat f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobbiltà, mill-fatt li t-TCA ftit li xejn jagħmel aktar minn dak li kien diġà previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, minħabba n-nuqqas ta' rieda min-naħa tar-Renju Unit;

°

° °

25. Jitlob, għalhekk, lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jirrakkomandaw li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità

Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (COM(2020)0856 – 2020/0382(NLE)).

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

Is-Sur David McAllister
President
Kumitat għall-Affarijiet Barranin
BRUSSELL

Is-Sur Bernd Lange
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (COM(2020)0856 – 2020/0382(NLE))

Sinjuri Presidenti,

Għandi l-pjaċir ninfurmakom li, wara d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-26 ta' Novembru 2020, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) iddeċieda fis-27 ta' Jannar 2021 li jibgħat opinjoni fil-forma ta' ittra lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali skont il-proċedura msemmija hawn fuq, skont l-Artikolu 56(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

Il-Kumitat tagħna adotta din l-opinjoni fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Frar 2021[1], wara li ddeċieda li jistieden lill-Kumitati msemmija hawn fuq, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fl-abbozz ta' rakkomandazzjoni tagħhom.

Għalhekk, bil-preżenti qed nibgħat l-opinjoni tal-Kumitat AFCO, li tindirizza l-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat AFCO, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' governanza u istituzzjonali tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit.

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Antonio Tajani (President), Gabriele Bischoff (Viċi President), Charles Goerens (Viċi President), Giuliano Pisapia (Viċi President), Damian Boeselager, Geert Bourgeois, Fabio Massimo Castaldo, Leila Chaibi, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Esteban González Pons, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Juan Fernando López Aguilar (għal Włodzimierz Cimoszewicz), Maite Pagazaurtundúa (għal Pascal Durand), Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, László Trócsányi, Mihai Tudose, Guy Verhofstadt, Loránt Vincze, Rainer Wieland.

Dejjem tiegħek,

Antonio Tajani

## SUĠĠERIMENTI

*Osservazzjonijiet ġenerali*

Fl-24 ta' Diċembru 2020, in-negozjaturi tal-UE u tar-Renju Unit ikkonkludew in-negozjati dwar Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni (TCA). It-TCA, il-Ftehim dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020[2] dwar l-iffirmar taż-żewġ ftehimiet, ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fil-31 ta' Diċembru 2020 (L 444).

Il-konklużjoni tat-TCA mar-Renju Unit trid tintlaqa' favorevolment, peress li hija r-riżultat tad-determinazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi relazzjoni mar-Renju Unit li tkun qrib kemm jista' jkun ma' pajjiż ġar li jaqsam ħafna interessi komuni mal-UE. Il-konklużjoni tat-TCA hija fl-interess kemm tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit, u taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tan-negozji taż-żewġ Partijiet.

Il-Parlament għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara dwar il-prinċipji u l-objettivi tan-negozjati għal sħubija futura, b'mod partikolari fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar il-mandat propost għal negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[3], u fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[4].

*Applikazzjoni proviżorja tat-TCA*

L-Artikolu FINPROV.11(2) (Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja) tat-TCA jipprevedi li l-partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament it-TCA mill-1 ta' Jannar 2021 sat-28 ta' Frar 2021, jew sa data oħra kif deċiż mill-Kunsill ta' Sħubija.

Kif iddikjarat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament fit-28 ta' Diċembru 2020, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni proviżorja kienet dovuta biss għaċ-ċirkostanzi uniċi u speċifiċi tal-konklużjoni tat-TCA, peress li kienet saret inevitabbli sabiex ittaffi t-tfixkil għaċ-ċittadini u għan-negozji u tipprevjeni l-kaos ta' xenarju mingħajr ftehim. Il-Kumitat AFCO,

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 2).
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0033.
[4] Testi adottati, P9_TA(2020)0152.

f'konformità mal-Konferenza tal-Presidenti, jissottolinja li din l-applikazzjoni proviżorja speċifika la tista' tikkostitwixxi preċedent u lanqas terġa' tiftaħ impenji stabbiliti magħmula fost l-istituzzjonijiet tal-UE, u li ma tistax isservi bħala pjan għal proċeduri ta' kunsens futuri.

Jiddispjaċina li ż-żmien mogħti lill-Parlament biex iwettaq skrutinju tat-TCA mhuwiex biżżejjed biex jippermetti skrutinju parlamentari fil-fond xieraq ta' ftehim tan-natura u l-kumplessità tat-TCA. Barra minn hekk, nesprimu t-tħassib tagħna li t-traduzzjoni tat-TCA f'24 lingwa uffiċjali x'aktarx li tkun impossibbli qabel ma jiskadi l-perjodu ta' applikazzjoni proviżorja, li possibbilment twassal għal sitwazzjoni li fiha l-Kunsill ma jkunx jista' jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tat-TCA immedjatament wara li l-approvazzjoni tiġi vvutata fil-Parlament fit-23 ta' Frar 2021.

Fir-riżoluzzjonijiet u fl-iskambji tiegħu mal-Kummissjoni, il-Parlament tenna b'mod konsistenti l-importanza tar-rwol ta' skrutinju tiegħu fil-proċedura ta' approvazzjoni u tal-ħtieġa li jkun involut bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura ta' negozjar għat-TCA mar-Renju Unit, f'konformità mat-Trattati u mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-impenji li ħadet fil-passat il-Kummissjoni f'dan ir-rigward għandhom ukoll jiġu mfakkra.

***Sistema unika ta' governanza – ir-rwol tal-Parlament***

Nilqgħu l-istabbiliment, kif irrakkomandat mill-Parlament f'riżoluzzjonijiet preċedenti, ta' sistema unika ta' governanza bħala qafas globali applikabbli għar-relazzjoni mar-Renju Unit kollu kemm hu, li tkopri s-superviżjoni u l-ġestjoni konġunti u kontinwi tat-TCA u tal-ftehimiet supplimentari. Madankollu, jiddispjaċina għall-kumplessità ta' din is-sistema, li tinkludi varjetà wiesgħa ta' mekkaniżmi differenti ta' governanza u arranġamenti għas-soluzzjoni ta' tilwim.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020, il-Parlament qies li t-tfassil tal-arranġamenti ta' governanza għandu jkun proporzjonat man-natura, l-ambitu u l-profondità tar-relazzjoni, u jqis il-livell ta' interkonnessjoni, kooperazzjoni u prossimità tal-Partijiet, filwaqt li jiżgura applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-ftehim futur kollu. F'Unjoni msejsa fuq il-prinċipju tad-demokrazija, u minħabba l-profondità u l-firxa tat-TCA, li mhuwiex TCA standard, ir-rwol tal-Parlament fl-implimentazzjoni tiegħu huwa saħansitra aktar rilevanti, u jrid jissaħħaħ aktar.

Barra minn hekk, il-Parlament tenna b'mod konsistenti d-drittijiet tiegħu li jkun involut u infurmat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe TCA bejn l-UE u r-Renju Unit, inkluż ir-rieżami tiegħu. Għalhekk fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020, il-Parlament issottolinja wkoll li r-rappreżentanti tal-UE fi kwalunkwe korp governattiv responsabbli li jissorvelja l-implimentazzjoni tat-TCA bejn l-UE u r-Renju Unit għandhom ikunu soġġetti għal mekkaniżmi ta' responsabbiltà adegwati li jinvolvu lill-Parlament.

Madankollu, la d-dispożizzjonijiet tat-TCA dwar il-governanza u lanqas id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020, ma jissodisfaw, lanqas parzjalment, dawn ir-rekwiżiti u t-talbiet rigward l-involviment tal-Parlament fl-istrutturi u l-mekkaniżmi ta' governanza. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tat-TCA f'termini ta' skrutinju u sorveljanza parlamentari huma manifestament insuffiċjenti.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tipprevedi li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Kunsill jirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti kollha relatati ma' kull laqgħa tal-korpi konġunti tal-Ftehim jew ma' kull att li għandu jiġi adottat permezz tal-proċedura bil-miktub qabel dik il-laqgħa, jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub. Madankollu, għalkemm it-TCA ġie konkluż bħala ftehim "tal-UE biss", li għandu jiġġustifika rwol imsaħħaħ għall-Parlament, huwa sempliċiment "jitqiegħed f'pożizzjoni li jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi istituzzjonali tiegħu matul il-proċess kollu f'konformità mat-Trattati" (l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252), filwaqt li l-Istati Membri għandhom dritt awtomatiku li jipparteċipaw fid-delegazzjonijiet għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u ta' korpi konġunti oħra (l-Artikolu 2(1) it-tieni subparagrafu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252).

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252, it-TCA għandu karattru eċċezzjonali u uniku bħala ftehim komprensiv ma' pajjiż li ħareġ mill-Unjoni. Dan il-karattru uniku u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet kif rikonoxxut mill-premessa 11 ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill jeħtieġ l-involviment effettiv tal-Parlament fl-implimentazzjoni ta' ftehim li jagħti setgħat ġenerali lill-korpi konġunti li jistabbilixxi.

Sabiex jiġi rrispettat ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur u s-setgħat ta' skrutinju tiegħu, nitolbu għalhekk impenn dettaljat u inekwivoku mill-Kummissjoni permezz ta' ftehim interistituzzjonali li jipprevedi:

- l-involviment sħiħ tal-Parlament fit-tħejjija tal-pożizzjonijiet tal-UE dwar l-emendar tat-TCA li għandhom jittieħdu mill-Kunsill ta' Sħubija;
- informazzjoni dettaljata u fil-ħin lill-Parlament qabel u wara d-deċiżjonijiet kollha tal-korpi konġunti kollha stabbiliti skont it-TCA;
- l-approvazzjoni tal-Parlament għad-deċiżjonijiet kollha li jinvolvu modifika sostanzjali tat-TCA, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE, jew dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-obbligi u miżuri oħra skont it-TCA jekk dawn jikkonċernaw kwistjonijiet li huma parti mill-kompetenzi tiegħu skont it-Trattati, bħal pereżempju fl-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
- impenn min-naħa tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni permezz tal-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha fejn il-Parlament jidentifika ksur tat-TCA, u f'każ li l-Kummissjoni ma ssegwix il-pożizzjoni tal-Parlament, li tispjega r-raġunijiet għaliex ma għamlitx dan;
- l-inklużjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament fid-delegazzjonijiet tal-UE għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u ta' korpi konġunti oħra stabbiliti skont it-TCA.

Għalhekk nappellaw lill-Kummissjoni li tikkonferma solennement l-impenn tagħha li tiżgura li l-Parlament ikun infurmat immedjatament u bis-sħiħ, f'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-TFUE, dwar il-ħidma tal-Kunsill ta' Sħubija u l-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti mit-TCA. Nisħqu fuq l-importanza li l-Parlament jiġi infurmat bl-istess mod bħall-Kunsill sabiex ikun jista' jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi istituzzjonali tiegħu.

***Sistema unika ta' governanza – dispożizzjonijiet istituzzjonali speċifiċi***

Għandha ssir referenza għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' governanza, bħall-Artikolu INST.5 (Kooperazzjoni parlamentari) tat-TCA, li jipprevedi l-possibbiltà li l-Parlament Ewropew u l-

Parlament tar-Renju Unit jistabbilixxu Assemblea ta' Sħubija Parlamentari. Kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Ġunju 2020, nilqgħu din il-proposta, iżda jiddispjaċina ħafna li mhijiex dispożizzjoni vinkolanti. Il-Kumitat AFCO jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-kooperazzjoni parlamentari mal-parlament tar-Renju Unit dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tat-TCA, kif espress fl-ittra tal-21 ta' Jannar 2021 mill-President Sassoli lil Sir Lindsay Hoyle, Speaker tal-House of Commons tar-Renju Unit.

Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu INST.5 tat-TCA, l-Assemblea Parlamentari ta' Sħubija tista' titlob informazzjoni mill-Kunsill ta' Sħubija, u jeħtieġ li tkun infurmata bid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Sħubija. Madankollu, il-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont it-TCA, li se jkollhom setgħat wesgħin fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu, mhumiex inklużi f'din id-dispożizzjoni, u b'hekk iqajmu kwistjonijiet serji ta' trasparenza fir-rigward tal-funzjonament tagħhom.

Ninnotaw li t-TCA huwa regolat minn dispożizzjonijiet dwar id-djalogu u l-konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' gruppi konsultattivi domestiċi, li għandhom jiġu kkonsultati regolarment dwar kwistjonijiet koperti mit-TCA u minn kwalunkwe ftehim supplimentari, u għalhekk nappellaw għal miżuri aktar b'saħħithom għall-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Peress li l-Artikolu INST.8 tat-TCA jistabbilixxi li l-Partijiet għandhom jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili li għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, nemmnu li l-Parlament għandu jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Kunsill ta' Sħubija jadotta l-linji gwida operazzjonali għat-tmexxija tal-Forum mill-aktar fis possibbli, sabiex is-soċjetà ċivili tkun tista' tipprepara fil-ħin għal-laqgħa fl-2021.

***Soluzzjoni ta' tilwim***

Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, il-Parlament indika li l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim irid ikun trasparenti u robust, li għandu jipprevedi sanzjonijiet gradwali kif ukoll rimedji meta jkun ġie ddeterminat li waħda mill-partijiet tkun qed tikser l-obbligi tagħha, u li l-mekkaniżmu jeħtieġ li jiżgura rimedji effettivi u dissważivi, u li dawn ir-rimedji tkun tista' tittieħed deċiżjoni rapida dwarhom.

Nilqgħu l-fatt li t-TCA jistabbilixxi sistema ġenerali vinkolanti għas-soluzzjoni ta' tilwim, għalkemm ċerti oqsma huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għal dawn, se japplikaw mekkaniżmi speċifiċi għas-soluzzjoni ta' tilwim jew għall-infurzar ta' tilwim, f'konformità mal-prattika regolari fi ftehimiet internazzjonali simili.

Ninnotaw li għall-oqsma esklużi mis-sistema ġenerali għas-soluzzjoni ta' tilwim hemm arranġamenti ta' infurzar differenzjati li jirrispondu għal ħtiġijiet differenti, skont il-qasam inkwistjoni. Dawn jinkludu mekkaniżmi ddedikati għas-soluzzjoni ta' tilwim (it-Tielet Parti: l-infurzar tal-liġi u kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali), bħala tali l-ebda mekkaniżmu għas-soluzzjoni ta' tilwim (Kapitolu ħamsa: Tassazzjoni, Titolu XI: kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u l-iżvilupp sostenibbli), jew l-infurzar domestiku mill-awtoritajiet u mill-qrati ta' kull waħda mill-Partijiet (Kapitolu tlieta: kontroll tas-sussidju, Titolu XI: kundizzjonijiet ekwi għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta u l-iżvilupp sostenibbli), u miżuri ta' rimedju u ta' riekwilibriju, kif ukoll possibbiltajiet ta' sospensjoni u terminazzjoni

f'każ ta' ksur tal-obbligi mill-Parti l-oħra.

Intennu li l-Parlament għandu jkun involut fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet tal-UE rigward tali miżuri b'impatt kbir fuq l-implimentazzjoni tat-TCA, u nissottolinjaw b'mod partikolari li l-Parlament għandu jitqiegħed fuq l-istess livell mal-Kummissjoni u l-Kunsill għall-proċess tal-għażla tat-tribunal tal-arbitraġġ.

### *Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)*

Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, il-Parlament ikkunsidra b'mod konsistenti li ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit għandu jkun f'konformità stretta, fost l-oħrajn, mal-prinċipji li l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE tkun ippreservata u li l-ordinament ġuridiku tal-UE u r-rwol tal-QĠUE bħala l-organu finali responsabbli għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE jkunu salvagwardjati. F'dan ir-rigward, il-Parlament ikkunsidra li, għad-dispożizzjonijiet ibbażati fuq kunċetti tad-dritt tal-UE, l-arranġamenti ta' governanza jridu jipprevedu r-rinviju quddiem il-QĠUE.

Jiddispjaċina li t-TCA sostanzjalment ma jagħti l-ebda rwol lill-QĠUE, minkejja l-fatt li fid-Dikjarazzjoni Politika, li ż-żewġ Partijiet qablu dwarha, il-Partijiet impenjaw ruħhom li jiżguraw li l-bord tal-arbitraġġ jirreferi lill-QĠUE għal sentenza vinkolanti f'każijiet li fiha tilwima bejniethom qajmet kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' kunċetti tad-dritt tal-UE.

Nifhmu li, għal testi tat-TCA li huma qrib il-kunċetti tad-dritt tal-UE, il-proċedura sħiħa għas-soluzzjoni ta' tilwim mhux se tiġi applikata sabiex jiġi evitat li t-tribunal tal-arbitraġġ jinterpreta d-dritt tal-UE – inklużi kwistjonijiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà soċjali. Madankollu, l-interpretazzjoni ta' dawn il-kunċetti se tkun ibbażata fuq il-fehim komuni tad-dispożizzjonijiet rilevanti kif miftiehem mill-korpi konġunti li jirregolaw l-implimentazzjoni tat-TCA. Dan jista' tabilħaqq iqajjem kwistjonijiet rigward l-interpretazzjoni uniformi tal-kunċetti tad-dritt tal-UE, peress li l-kwistjonijiet li bħalissa huma riżolti mill-qrati nazzjonali skont id-dritt tal-UE jew mill-QĠUE se jkollhom jiġu riżolti bi ftehim politiku jew fil-kumitati stabbiliti skont it-TCA inkella mit-tribunal tal-arbitraġġ.

L-Artikolu COMPROV.13 jipprevedi li t-TCA għandu jiġi interpretat f'konformità mal-liġi internazzjonali pubblika. Għalhekk, minħabba li hemm diversi modalitajiet għall-applikazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tat-TCA, inkluż permezz tal-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali, l-interpretazzjoni konsistenti u uniformi tista' tiġi pperikolata.

### *Rabta mal-Ftehim dwar il-Ħruġ*

Nilqgħu pożittivament l-Artikolu FINPROV.2 (Relazzjoni ma' ftehimiet oħrajn) tat-TCA, li jiċċara r-relazzjoni tat-TCA mal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Nenfasizzaw li l-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa ftehim indipendenti u awtonomu. Intennu li l-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tibqa' prijorità. Bħala l-kumitat responsabbli, il-Kumitat AFCO jagħmel ħiltu biex jimmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Nenfasizzaw li hija l-pożizzjoni stabbilita tal-Parlament li l-

implimentazzjoni sħiħa u leali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ mir-Renju Unit tikkostitwixxi prekondizzjoni essenzjali għall-iżvilupp futur tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, b'mod partikolari, fil-qasam tad-drittijiet taċ-ċittadini u l-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq.

Infakkru li t-TCA jwitti t-triq għal relazzjoni miftuħa bejn l-UE u r-Renju Unit li tista' tevolvi aktar lejn sħubija aktar profonda u ambizzjuża fil-futur. Għalhekk aħna ntennu li l-*bona fide* u l-fiduċja jkomplu jaqdu rwol essenzjali fir-relazzjoni ġenerali bejn l-UE u r-Renju Unit, u huma prekondizzjonijiet għat-tisħiħ futur tas-sħubija bejn l-UE u r-Renju Unit, li huwa fl-interess taż-żewġ partijiet.

***Konklużjoni***

Il-Kumitat AFCO jappella għal impenn dettaljat u inekwivoku min-naħa tal-Kummissjoni permezz ta' ftehim interistituzzjonali li jipprevedi:

- l-involviment sħiħ tal-Parlament fit-tħejjija tal-pożizzjonijiet tal-UE dwar l-emendar tat-TCA li għandhom jittieħdu mill-Kunsill ta' Sħubija;
- informazzjoni dettaljata u fil-ħin lill-Parlament qabel u wara d-deċiżjonijiet kollha tal-korpi konġunti kollha stabbiliti skont it-TCA;
- l-approvazzjoni tal-Parlament għad-deċiżjonijiet kollha li jinvolvu modifika sostanzjali tat-TCA, f'konformità mal-Artikolu 218 tat-TFUE, jew is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-obbligi u miżuri oħra skont it-TCA jekk dawn jikkonċernaw kwistjonijiet li huma parti mill-kompetenzi tiegħu skont it-Trattati, bħal pereżempju fl-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;
- impenn mill-Kummissjoni li tieħu azzjoni permezz tal-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha fejn il-Parlament jidentifika ksur tat-TCA, u f'każ li l-Kummissjoni ma ssegwix il-pożizzjoni tal-Parlament, li tispjega r-raġunijiet għaliex ma għamlitx dan;
- l-inklużjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament fid-delegazzjonijiet tal-UE għal-laqgħat tal-Kunsill ta' Sħubija u ta' korpi konġunti oħra stabbiliti skont it-TCA.

Il-Kumitat AFCO jemmen li l-metodi ta' involviment tal-Parlament imsemmija hawn fuq għandhom jiġu stabbiliti qabel il-konklużjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni fi ftehim interistituzzjonali f'konformità mal-Artikolu 148 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2252 tad-29 ta' Diċembru 2020 għandha tiġi emendata bil-ħsieb li l-Parlament u l-Kunsill jitqiegħdu fuq l-istess livell fir-rigward tar-riċeviment ta' informazzjoni u l-parteċipazzjoni fl-istrutturi ta' governanza stabbiliti mit-TCA, biex jippermettu lill-Parlament jeżerċita kif xieraq ir-rwol tiegħu fl-iskrutinju u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tat-TCA.

Il-Kumitat AFCO jistieden lill-Kumitat AFET u lill-Kumitat INTA, bħala l-kumitati responsabbli, biex jirrakkomandaw li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u

Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Titolu** | Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri tas-sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata | | | |
| **Referenzi** | 05022/2021 – C9-0086/2021 – 2020/0382(NLE) | | | |
| **Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni** | 26.2.2021 | | | |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>8.3.2021 | INTA<br>8.3.2021 | | |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>8.3.2021 | BUDG<br>8.3.2021 | CONT<br>8.3.2021 | ECON<br>8.3.2021 |
| | EMPL<br>8.3.2021 | ENVI<br>8.3.2021 | ITRE<br>8.3.2021 | IMCO<br>8.3.2021 |
| | TRAN<br>8.3.2021 | REGI<br>8.3.2021 | AGRI<br>8.3.2021 | PECH<br>8.3.2021 |
| | CULT<br>8.3.2021 | JURI<br>8.3.2021 | LIBE<br>8.3.2021 | AFCO<br>8.3.2021 |
| | FEMM<br>8.3.2021 | PETI<br>8.3.2021 | | |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | BUDG<br>14.1.2021 | FEMM<br>1.2.2021 | PETI<br>26.1.2021 | |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Andreas Schieder<br>7.1.2021 | Christophe Hansen<br>7.1.2021 | | |
| **Rapporteurs preċedenti** | Christophe Hansen, Kati Piri | | | |
| **Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 8.3.2021 | | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.1.2021 | 28.1.2021 | 4.2.2021 | 5.2.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 15.4.2021 | | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–:<br>0: | 108<br>1<br>4 | | |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alexandrov Yordanov, Barry Andrews, Maria Arena, Anna-Michelle Asimakopoulou, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Tiziana Beghin, Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Miroslav Číž, Katalin Cseh, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Tanja | | | |

| | |
|---|---|
| | Fajon, Anna Fotyga, Emmanouil Fragkos, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Roman Haider, Andrzej Halicki, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Sandra Kalniete, Karin Karlsbro, Karol Karski, Dietmar Köster, Stelios Kouloglou, Maximilian Krah, Ilhan Kyuchyuk, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Lukas Mandl, Thierry Mariani, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Giuliano Pisapia, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Jérôme Rivière, Inma Rodríguez-Piñero, María Soraya Rodríguez Ramos, Massimiliano Salini, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Helmut Scholz, Liesje Schreinemacher, Radosław Sikorski, Sven Simon, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Hilde Vautmans, Marie-Pierre Vedrenne, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Jörgen Warborn, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Iuliu Winkler, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Katarina Barley, Vladimír Bilčík, Marco Campomenosi, Bart Groothuis, Jean-Lin Lacapelle, Mounir Satouri, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira |
| **Data tat-tressiq** | 20.4.2021 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 108 | + |
|---|---|
| EPP | Alexander Alexandrov Yordanov, Vladimír Bilčík, Traian Băsescu, Michael Gahler, Glavak Sunčana, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, Lukas Mandl, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Gheorghe-Vlad Nistor, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Huebner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| S&D | Maria Arena, Katarina Barley, Włodzimierz Cimoszewicz, Miroslav Číž, Paolo De Castro, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Bernd Lange, Margarida Marques, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Inma Rodríguez-Piñero, Isabel Santos, Andreas Schieder, Joachim Schuster, Sergei Stanishev, Nacho Sánchez Amor, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt |
| RENEW | Barry Andrews, Petras Auštrevičius, Jordi Cañas, Katalin Cseh, Bart Groothuis, Klemen Grošelj, Karin Karlsbro, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Urmas Paet, Samira Rafaela, Liesje Schreinemacher, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Marie-Pierre Vedrenne |
| ID | Lars Patrick Berg, Anna Bonfrisco, Marco Campomenosi, Susanna Ceccardi, Roman Haider, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Jean-Lin Lacapelle, Jaak Madison, Thierry Mariani, Jérôme Rivière, Harald Vilimsky, |
| GREENS/EFA | Saskia Bricmont, Reinhard Bütikofer, Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Sara Matthieu, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Salima Yenbou, |
| ECR | Geert Bourgeois, Anna Fotyga, Emmanouil Fragkos, Karol Karski, Jacek Saryusz-Wolski, Dominik Tarczynski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, , Jan Zahradil |
| The Left | Stelios Kouloglou, Idoia Villanueva Ruiz, Helmut Scholz |
| NI | Tiziana Beghin, Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi, Carles Puigdemont I Casamajó |

| 1 | - |
|---|---|
| NI | Kostas Papadakis |

| 4 | 0 |
|---|---|
| RENEW | Bernard Guetta |
| The Left | Giorgos Georgiou, Emmanuel Maurel, Manu Pineda, |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni